Vol 36
Nru 188
April - Ġunju 2015

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2015



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


Qoxra Quddiem:
*Il-Patrijarka Grieg Ortodoss fil-purċissjoni ta' Sibt il-Għid qabel in-Nar Imqaddes*

# Werrej




6





15





22



26


6 Il-Komunitajiet Insara fl-Art Imqaddsa: Il-Knejjes Ortodossi

15 Il-Valur tal-Flus fil-Bibbja

22 Il-Mewt ta' Ġesù ġabet bidla fl-eżistenza tal-Bniedem

26 Il-Familja: Drawwiet u Ġrajjietha fil-Ġdid Testment (2)

37 San Luqa: L-Evanġelista tat-talb

42 Monasteri fid-Deżert tal-Lhudija: Il-Monasteru ta' Wadi Qelt




37

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Żewġ Qaddisin Ġodda għall-Knisja fl-Art Imqaddsa

Nhar is-Sibt 14 ta' Frar 2015, waqt il-Konċistorju tal-Kardinali, il-Papa Franġisku ħabbar li se jiddikjara żewġ qaddisin ġodda Palestinjani fl-Art Imqaddsa. Dawn iż-żewġ reliġjużi se jiġu kkanonizzati f'San Pietru nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju 2015. Huma l-Beata Marija ta' Ġesù Kurċifiss (Mariam Baouardy), fundatriċi tal-Monasteru tas-Sorijiet Karmelitani ta' Betleħem, u l-Beata Marie-Alphonsine Ghattas, fundatriċi tas-Sorijiet tar-Rużarju.

Mariam Baouardy twieldet fil-5 ta' Jannar 1846 f'Ibillin, fl-għoljiet tal-Galilea tat-tramuntana, minn familja li kienet ġejja minn Damasku fis-Sirja, u li kienet ta' rit Grieg Kattoliku (Melkita). Meta kellha biss sentejn tilfet il-ġenituri tagħha, l-ewwel ommha u mbagħad missierha. Mariam trabbiet minn zijuha f'Ibillin, filwaqt li ħuha Boulos ħaditu z-zija u rabbietu f'Tarshish. Iż-żewġt aħwa qatt ma kellhom jerġgħu jaraw lil xulxin iżjed.

Meta kellha 8 snin il-familja marret f'Lixandra, l-Eġittu. Mariam qatt ma kellha terġa' tara Ibillin ħlief ftit qabel mietet fl-1878. Ta' 13-il sena riedu jgħarrsuha, imma hi żammet iebes, u kellha ssofri maltrattamenti minn zijuha minħabba f'hekk. Darba minnhom sofriet vjolenza minn qaddej tad-dar li riedha bilfors tikkonverti u ssir Musulmana, u ġiet meħlusa mill-mewt b'miraklu tal-Verġni Marija, li hi ddiskriviet bħala "soru liebsa l-ikħal", li dewwitilha l-ferita f'għonqa.

*...editorjal*

*Żewġ Qaddisin Ġodda għall-Knisja fl-Art Imqaddsa*





F'dan il-waqt Mariam iddeċidiet li tmur Ġerusalemm u tagħmel vot ta' verġinità fil-Qabar ta' Kristu. Baħħret lejn Ġaffa imma kellha tinżel Beirut minħabba l-maltemp, u Ġerusalemm ma setgħetx tmur. F'Beirut marret taħdem għand familja tat-tajjeb u spiċċat li marret Marsilja fi Franza biex tkompli taħdem. Hemmhekk ħasset il-vokazzjoni li ssir soru u fl-1865 daħlet mas-Sorijiet ta' *Saint Joseph de la Apparition*. Imma kellha toħroġ mill-kongregazzjoni, u daħlet mal-Karmelitani bl-isem ta' Mariam ta' Ġesù Kurċifiss.

Fl-1870 marret Mangalore, l-Indja, imma mbagħad reġgħet lura f'Pau fi Franza. Wara li għamlet il-professjoni solenni talbet li tmur fil-Palestina, f'art twelidha, fejn fl-1875 waqqfet il-monasteru tal-Karmelu f'Betleħem. Kien f'dan il-monasteru li hi kellha tqatta' l-kumplament ta' ħajjitha fil-klawsura u f'esperjenzi mistiċi u kontemplattivi tal-għaġeb. Mhux l-ewwel darba li s-sorijiet rawha tidħol f'estasi. Il-monasteru waqqfitu fuq għolja li hi rat fiha r-rabta ma' David, ir-ragħaj ta' Betleħem li sar sultan tal-poplu Lhudi u antenat tal-Messija.

F'April 1878 Mariam kienet fi vjaġġ fil-Palestina, fil-pjanura ħdejn Latrun. Hemmhekk hi kellha rivelazzjoni li f'dak il-post kien hemm il-fdalijiet tar-raħal ta' Emmaws fejn Ġesù rxuxtat deher liż-żewġ dixxipli nhar Ħadd il-Għid filgħaxija u magħhom qasam il-ħobż. Fil-fatt dan hu l-post bibliku ta' Amwas, magħruf imbagħad bħala Emmaus-Nicopolis, fejn hemm fdalijiet ta' bażiliċi Biżantini. Hu wieħed mill-postijiet marbutin mal-ġrajja ta' Emmaws, u jinsab ħafna aktar bogħod minn Ġerusalemm minn Emmaws-Qubeibeh, fejn il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jfakkru d-dehra ta' Kristu rxuxtat fil-bażilika li bnew fuq fdalijiet ta' kastell Kruċjat, xi 11-il kilometru bogħod minn Ġerusalemm, distanza li tikkorrispondi għas-60 stadju tal-Vanġelu skont San Luqa 24,13-35.

Mariam mardet b'tumur fl-għadam u mietet dik is-sena stess, nhar is-26 ta' Awwissu 1878, f'Betleħem. Il-kawża ta' kanonizzazzjoni ġiet introdotta fit-18 ta' Mejju 1927. Mariam ta' Ġesù Kurċifiss, magħrufa wkoll bħala l-"Għarbija ċkejkna", ġiet ibbeatifikata mill-Papa

San Ġwanni Pawlu II fit-13 ta' Novembru 1983.

Marie Alphonsine Danil Ghattas twieldet fl-4 ta' Ottubru 1843 minn familja Palestinjana li kienet tgħix Ġerusalemm, fil-parroċċa Franġiskana ta' San Salvatur. Fil-magħmudija tawha l-isem ta' Soultaneh. Meta kellha 14-il sena hi daħlet mas-Sorijiet ta' *Saint Joseph de la Apparition*. Wara li pprofessat, fl-1862 intbagħtet f'Betleħem.

Kien fiż-żmien li kienet Betleħem li Marie Alphonsine kellha diversi rivelazzjonijiet li bihom fehmet li kellha twaqqaf Kongregazzjoni Palestinjana ta' Sorijiet, li mbagħad kellha tiġi magħrufa bħala s-"Sorijiet tar-Rużarju". Fl-1880 seba' xbejbiet immexxijin minn Dun Joseph Tannous, qassis tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm, irċevew il-libsa reliġjuża mill-Patrijarka Latin Vincenzo Bracco. Swor Alphonsine ħarġet mill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet ta' *Saint Joseph* u ngħaqdet ma' din il-Kongregazzjoni ġdida fis-7 ta' Ottubru 1883, festa tal-Verġni Marija tar-Rużarju. Fis-7 ta' Marzu 1885 is-sorijiet ġodda għamlu l-professjoni f'idejn il-Patrijarka Latin Vincenzo Bracco.

Fl-1886 Marie Alphonsine waqqfet skola għall-bniet f'Beit Sahour, taħt Betleħem. Imbagħad intbagħet f'Salt fil-Ġordanja biex twaqqaf kunvent hemmhekk, u wara marret Nablus. Imbagħad reġgħet lura Ġerusalemm fejn waqqfet id-dar ċentrali tal-Kongregazzjoni. Marie Alphonsine mietet fil-kunvent tar-Rużarju f'Ain Karem fil-25 ta' Marzu 1927, festa tal-Annunċjazzjoni.

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tar-Rużarju tferrxet sewwa fl-Art Imqaddsa, u llum il-ġurnata dawn is-sorijiet għandhom diversi kunventi, skejjel, djar tal-irtiri f'Israel, il-Palestina u l-Ġordanja. Huma jaħdmu id f'id mal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm.

Il-beatifikazzjoni ta' Marie Alphonsine Ghattas saret mill-Arċisqof Angelo Amato, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, u Legat tal-Papa Benedittu XVI, fil-Bażilika tal-Annunċjazzjoni ta' Nazaret, nhar it-22 ta' Novembru 2009.

Il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm Fouad Twal, li se jkun preżenti għall-kanonizzazzjoni flimkien mal-Isqfijiet kollha tal-Art Imqaddsa, wera s-sodisfazzjon tiegħu li l-Knisja Kattolika fl-Art Imqaddsa se jkollha issa żewġ qaddisin indiġeni, Palestinjani Kristjani. Dan il-ġest se jkun ta' kuraġġ u tama għall-komunità Kattolika Latina li tgħix fl-Art Imqaddsa, u għall-insara kollha ta' din l-Art li huma biss 2 fil-mija tal-popolazzjoni.

Għall-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni l-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm stieden lill-President Palestinjan Mahmoud Abbas biex imur Ruma għall-quddiesa tal-Papa. Jidher li l-Knisja ta' Ġerusalemm trid turi l-importanza tal-Kristjani fix-xena soċjali u politika tal-Palestina, li hi fil-maġġoranza tagħha Musulmana. Huwa ttamat li din il-kanonizzazzjoni tkun okkażjoni ta' djalogu u konvivenza paċifika bejn Kristjani u Musulmani fl-Art Imqaddsa, fejn dawn iż-żewġ reliġjonijiet dejjem għexu f'paċi u kollaborazzjoni bejniethom.



# IL-KOMUNITAJIET INSARA FL-ART IMQADDSA: IL-KNEJJES ORTODOSSI

*Noel Muscat ofm*

## Karatteristiċi tal-Knejjes Ortodossi

Il-Knejjes Ortodossi (mill-Grieg *orthè doxa*, li tfisser fidi retta jew awtentika) huma dawk il-Knejjes li laqgħu l-formulazzjoni dommatika tal-Konċilju ta' Kalċedonja (451). Flimkien mal-Knisja Latina (Rumana jew Kattolika) huma jistgħu jissejħu "Knejjes Kalċedoniżi" għax

id-duttrina Kristoloġika taż-żewġ pulmuni tal-Kristjanità tal-Lvant u l-Punent hi l-istess, fuq il-bażi ta' dan il-Konċilju. Il-Knejjes Ortodossi jibnu d-duttrina tagħhom fuq l-ewwel seba' Konċilji tal-Knisja, jiġifieri Nicea (325), Kostantinopli (381), Efesu (431), Kalċedonja (451), Kostantinopli II (553), Kostantinopli III (680), u Nicea II (787).

Il-Knejjes Ortodossi għandhom għaqda spiritwali u ġuridika fis-sens li kull Knisja tirrikonoxxi l-awtorità lokali tal-Knejjes l-oħrajn f'dak li għandu x'jaqsam mal-prassi ewkaristika, sagramenti u suċċessjoni appostolika tal-Isqfijiet. L-Isqfijiet Ortodossi huma kollha l-istess fid-dinjità u awtonomi wieħed mill-ieħor fil-gvern tal-Knejjes proprji. Il-Knejjes Ortodossi huma meqjusin bħala *awtoċefali*, jiġifieri li l-Isqof tagħhom hu l-ogħla awtorità li fuqu ma għandu l-ebda awtorità oħra fil-Knisja proprja. Il-komunjoni spiritwali bejn l-Isqfijiet hi ggarantita mir-rabta mal-Patrijarka ta' Kostantinopli, li għandu biss *primat ta' unur* bħala *primus inter pares* (l-ewwel wieħed fost ugwali). F'dan kollu l-Knejjes Ortodossi ma jaċċettawx il-pożizzjoni Kattolika li żżomm li l-Isqof ta' Ruma, il-Papa, għandu awtorità u primat fuq l-Isqfijiet kollha.

Il-Knejjes Ortodossi huma magħrufin bħala "Knejjes orjentali", għax twieldu u żviluppaw fil-parti orjentali tal-Imperu Ruman, li kellha lil Biżanzju (Kostantinopli) bħala belt kapitali. Billi llum il-Kristjani Ortodossi huma mifruxin mad-dinja kollha, jkun aktar eżatt jekk insejħu lil dawn il-Knejjes "Biżantini".

Dawn il-Knejjes iqisu lill-Knejjes oħrajn li ma aċċettawx il-Konċilju ta' Kalċedonja (451) bħala Knejjes mifrudin minnhom, kif ukoll iqisu mifruda minnhom il-Knisja Kattolika (il-firda, kif rajna, seħħet fl-1054). Huma jqisu lilhom infushom appostoliċi, b'suċċessjoni appostolika mhux interrotta mill-bidunett, u tlieta minnhom huma fost l-eqdem Knejjes tal-Kristjanità, jiġifieri l-Patrijarkati ta' Antjokja, Lixandra u Ġerusalemm. Illum hemm mal-għoxrin Knisja Ortodossa differenti, li l-aktar famużi fosthom huma l-Knisja Griega Ortodossa u l-Knisja Russa Ortodossa. Huma preżenti l-aktar fil-Greċja, Ċipru, il-Balkani u l-pajjiżi Slavi (Serbja, Bulgarija, Rumanija, Russja, Ukrajna) kif ukoll fil-Lvant Nofsani u b'mod partikulari fl-Art Imqaddsa.

Il-liturġija Biżantina hija r-rit li jiddistingwi l-Knejjes Ortodossi, l-aktar biċ-ċelebrazzjoni tad-"divina liturġija" (għalina l-Quddiesa) skont il-forma ta' San Bażilju jew ta' San Ġwann Krisostmu. It-tqarbin jingħata taħt iż-żewġ speċi. Fl-Erbgħat u l-Ġimgħat tar-Randan tiġi ċċelebrata l-liturġija hekk imsejħa "ta' San Girgor" jew tad-"doni presantifikati" għax ma ssirx il-konsagrazzjoni u t-tqarbin isir bl-ispeċi diġà konsagrati l-jum ta' qabel (presantifikati). Il-qima

popolari hi msaħħa bir-rispett u l-imħabba lejn l-ikoni (xbihat qaddisa) ta' Kristu, tal-Verġni Marija u tal-Qaddisin, li huma numerużi fil-knejjes, u mill-użu abbundanti ta' xemgħat, lampieri u inċens waqt il-liturġija. Fenomenu importanti tal-Knejjes Ortodossi hu l-monakeżimu, li żviluppa mill-ewwel sekli tal-Kristjanità. L-aktar post famuż ta' monaċi Griegi Ortodossi hu l-*Óros Áthos* (Monte Athos) fil-Greċja.

Id-differenzi sostanzjali fid-duttrina Ortodossa meta nqabbluha ma' dik Kattolika huma ftit. L-ewwel problema hi dik tal-primat tal-Papa u l-infallibilità li, kif rajna, l-Ortodossi ma jaċċettawhiex għax għalihom l-ebda Isqof ma għandu primat fuq Isqof ieħor. Il-misteru Trinitarju jippreżenta l-problema tal-proċessjoni tal-Ispirtu s-Santu, li l-Ortodossi jistqarru li "ġej mill-Missier" filwaqt li l-Kattoliċi li "ġej mill-Missier u mill-Iben". Id-duttrina marjoloġika hi simili u l-Ortodossi għandhom qima kbira lejn il-Verġni Marija Omm Alla, imma ma jaċċettawx id-dommi tal-Immakulata Kunċizzjoni u l-Assunzjoni. Il-prassi sagramentali hi wkoll differenti: magħmudija bl-immersjoni, is-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija, Magħmudija, Konfermazzjoni, Ewkaristija, mogħtijin f'ċelebrazzjoni waħda, ċelibat obbligatorju biss għall-monaċi u Isqfijiet u mhux għall-qassisin, il-preżenza ewkaristika barra miċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija biss għat-tqarbin tal-morda u mhux għall-adorazzjoni, divina liturġija waħda kuljum fuq l-istess altar, id-divorzju f'ċerti każi gravi bħalma hu l-adulterju imma mbagħad it-tieni żwieġ hu biss barka taħt forma penitenzjali. Ħafna minn dawn huma differenzi mhux daqstant essenzjali, għax il-Knejjes Ortodossi kollha jipprattikaw is-seba' sagramenti, għalkemm ma jikklasifikawhomx bil-mod razzjonali tal-Knisja Kattolika, l-aktar wara d-duttrina tal-Konċilju ta' Trentu. L-Isqfijiet huma dejjem magħżulin fost saċerdoti ċelibi, u l-aktar fost il-monaċi.

## Il-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm

Il-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm jiġbor fih madwar 65 elf Kristjan Ortodoss li jgħixu f'Israel u l-Palestina. Jekk ngħoddu magħhom il-Ġordanja, fejn jgħixu 85 elf Ortodoss u li tagħmel ukoll parti mill-Patrijarkat ta' Ġerusalemm, naslu għal ċifra ta' 180 elf Kristjan Grieg Ortodoss, li jgħixu f'madwar 90 parroċċa.

Għall-Ortodossi l-Knisja ta' Ġerusalemm hi "omm il-Knejjes kollha". Id-dinjità tagħha bħala Patrijarkat ġiet irrikonoxxuta mill-Konċilju ta' Kalċedonja fis-sena 451. Qabel il-Knisja ta' Ġerusalemm kienet suffraganja tas-sede metropolitana ta' Ċesarija Marittima, li kienet hi stess tiddependi mill-Patrijarkat ta' Antjokja. Il-Knisja Ortodossa tqis li l-Isqfijiet u Patrijarki ta' Ġerusalemm għandhom suċċessjoni

appostolika ininterrotta sa mill-bidunett, għalkemm kien hemm żmien li fih kellhom jgħixu fl-eżilju (bħal fi żmien il-Kruċjati li kienu poġġew Patrijarka Latin f'Ġerusalemm). Dan ma jfissirx li l-ewwel Isqfijiet ta' Ġerusalemm kienu Griegi Ortodossi, kif isostnu sal-lum il-membri tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm. L-element Elleniku (Grieg) daħal fis-snin 324-638, fi żmien li fih il-Palestina kienet taħt il-Biżantini, u ssaħħaħ l-aktar minn żmien il-ħakma tat-Torok Ottomani, mill-1517 sal-lum. Fl-ewwel żewġ sekli l-Isqfijiet ta' Ġerusalemm kienu x'aktarx ġejjin mir-rit Sirjaku-Antjokenu, u kien biss wara li daħal ir-rit Biżantin. Mill-epoka Biżantina l-ġerarkija kienet ta' nisel Elleniku, filwaqt li l-kleru kien magħmul minn persuni indiġeni tal-Palestina. Il-ġerarkija Griega Ortodossa kienet iċċentrata l-aktar fil-kustodja tal-Postijiet Qaddisa u fil-monasteri, filwaqt li l-kleru kien mogħti għall-ħidma pastorali fil-parroċċi. Din hi s-sitwazzjoni sal-ġurnata tal-lum.

Minn żmien il-ħakma tat-Torok Ottomani fis-seklu 16, li kienu jirrikonoxxu biss il-Knisja Griega Ortodossa

*Isqof Grieg Ortodoss*



bħala r-rappreżentanti uffiċjali tal-Kristjani fil-Palestina, minħabba l-Patrijarka ta' Kostantinopli (Istanbul), ġiet imwaqqfa l-"Konfraternità tas-Santu Sepulkru" (*Haghiotaphitikì Adelphótis*) bl-iskop li tiggarantixxi l-kustodja u l-amministrazzjoni tal-Postijiet Qaddisa, fosthom il-*Hághios Táphos*, il-Qabar ta' Kristu, li l-istemma tiegħu tikkonsisti fl-ittra T li fiha hemm l-ittra O, u li tidher fil-bandiera uffiċjali bajda b'salib aħmar li tperper fuq is-Santwarji u l-monasteri kollha tal-Art Imqaddsa li fihom hemm il-Griegi Ortodossi, ħafna drabi flimkien mal-bandiera tal-Greċja. Il-konfraternità hi magħmula minn 90 membru Grieg u 4 Għarab Palestinjani. Is-Sagru Sinodu hu magħmul mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm, 17-il Isqof u 2 Arċimandriti. Din il-prevalenza Griega tispjega għaliex il-Knisja Ortodossa fl-Art Imqaddsa hi magħrufa bħala Knisja Griega Ortodossa u l-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm.

L-aktar ċelebrazzjoni importanti fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja Griega Ortodossa ta' Ġerusalemm hi dik tan-"nar imqaddes" ta' Sibt il-Għid. Dakinhar folol kbar ta' Insara Griegi Ortodossi u wkoll ta' Knejjes oħrajn antiki Ortodossi (Armeni, Kopti, Sirjaċi) jinġabru fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Wara li jasal il-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm li jidħol f'purċissjoni li ddur tliet darbiet madwar l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, għall-ħabta tas-1.00 pm jidħol fl-Edikola, li tkun kollha fid-dlam u issiġillata, u hemm jixgħel in-nar imqaddes tal-Għid li mbagħad jgħaddih lill-eluf ta' Insara f'mument ta' ewforija kbir u konfużjoni ta' entjużjażmu. In-nar imqaddes jittieħed dak il-ħin stess fid-diversi monasteri u knejjes Ortodossi tal-Art Imqaddsa u jintbagħat fl-istess jum ukoll fil-Greċja u l-pajjiżi Slavi Ortodossi l-oħrajn, fosthom ir-Russja.

Il-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm jirrisjedi fil-Patrijarkat, il-monasteru ta' San Kostantinu u Santa


*Iċ-ċerimonja Griega Ortodossa tan-Nar Imqaddes fil-Qabar ta' Kristu*

Elena, li hu qrib ħafna tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li l-Patrijarka jqisha bħala l-Katidral tiegħu. Matul is-sekli l-Patrijarkat Grieg Ortodoss akkwista proprjetajiet kbar fl-Art Imqaddsa, u hu l-akbar Knisja Kristjana kemm għan-numru ta' fidili kif ukoll għall-proprjetajiet li jippossjedi. Fl-Art Imqaddsa għandu 35 parroċċa, fosthom f'Ġerusalemm, Betleħem, Beit Sahur, Betanja, Kafarnahum, Kana, Ġerico, Nablus, Jenin, Lod, Ġaffa, Nazaret, Tabor, Tiberija, Haifa, Akri, u diversi oħrajn fil-Ġordanja.

Il-Griegi Ortodossi huma kustodji ta' parti kbira mill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li huma jsejħulha *Anastasis*, jew Bażilika tar-Risurrezzjoni, speċjalment il-parti ċentrali jew *Katholikón* u nofs il-Kalvarju. Bħal fil-każ tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, il-Griegi Ortodossi huma ko-proprjetarji, flimkien mal-Latini (Franġiskani) u l-Armeni Ortodossi tal-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem u tal-Qabar tal-Verġni Marija (li l-Franġiskani tilfu l-proprjetà tiegħu fl-1757 flimkien ma' partijiet kbar tal-Bażilika tan-Nativitá).

Ereditá prezzjuża tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm huma l-monasteri tad-deżert tal-Lhudija, magħrufin bħala *Laure*, li huma antikissimi u li għadhom jiffunzjonaw sal-lum. L-aktar wieħed famuż fosthom hu l-monasteru (*Laura l-Kbira*) ta' San Saba, magħruf bħala Deir San Saba, qrib Betleħem fuq il-Wied tal-Kedron. Hu monasteru antikissimu tas-seklu 5 li fih għexu u huma meqjuma l-fdalijiet ta' San Saba u San Ġwann Damaxxenu, u hu eqdem saħansitra mill-monasteru ta' Santa Katerina ta' Lixandra taħt is-Sinaj fl-Eġittu. Monasteri oħrajn importanti huma dawk ta' San Teodosju (Mar Dosi) bil-grotta tal-Maġi, qrib Betleħem; il-monasteru ta' San Ġorġ Khoziba fil-Wadi Qelt fid-deżert qrib Ġeriko; il-monasteru ta' Mar Elias bejn Ġerusalemm u Betleħem; il-monasteru ta' San Gerasimos (Deir Hajla) qrib il-wied tax-xmara Ġordan; u l-monasteru tal-Kwarantena (Jabal Quruntul), fuq Ġeriko, li jfakkar il-post tat-tentazzjonijiet ta' Ġesù (Mt 4,1-11). Antikament il-monasteru ta' Santa Katerina tas-Sinaj kien jiddependi mill-Patrijarkat ta' Ġerusalemm, imma fl-1575 il-Patrijarka ta' Kostantinopli għollih għad-dinjità ta' Knisja awtonoma, għalkemm l-abbati Arċisqof tal-monasteru għadu jiġi kkonsagrat mill-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm.

Il-Knisja Griega Ortodossa fl-Art Imqaddsa tmexxi wkoll diversi istituzzjonijiet edukattivi u ta' karità, imma mhux fuq l-istess livell tal-Knisja Kattolika. Il-pastorali fil-parroċċi wkoll hi nieqsa mill-attenzjoni li wieħed normalment isib fil-parroċċi Latini Kattoliċi, u matul is-sekli kienu bosta l-Griegi Ortodossi li għaddew għall-Kattoliċeżmu, l-aktar fil-Knisja Griega Kattolika (Melkita), jew ukoll f'dik Latina.

Id-djalogu ekumeniku bejn il-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm u l-Knejjes Kristjani l-oħrajn mhux daqstant intens. Hemm ċertament relazzjonijiet kordjali u stima reċiproka, u fil-Milied u l-Għid id-diversi rappreżentanti uffiċjali tal-Knejjes imorru għand xulxin biex jagħtu l-awguri. Mal-Knisja Kattolika r-relazzjonijiet huma tajbin, ħlief għal tensjonijiet storiċi marbutin mal-i*Status Quo* tal-Bażiliċi tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm u tan-Natività f'Betleħem. Ta' min ifakkar il-laqgħa storika bejn il-Papa Pawlu VI u l-Patrijarka Ekumeniku Athenágoras ta' Kostantinopli li saret f'Ġerusalemm fil-5 ta' Jannar 1964, u li ġiet ripetuta 50 sena wara nhar il-25 ta' Mejju 2014 bil-laqgħa tal-Papa Franġisku mal-Patrijarka Ekumeniku Bartolomeos I ta' Kostantinopli fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

## Il-Knisja Russa Ortodossa

Il-Knisja Russa Ortodossa twieldet meta ġie kkristjanizzat il-prinċipat ta' Kiev fi tmiem is-seklu 10. Fl-1589 saret Patrijarkat bis-sede f'Moska fir-Russja. It-tradizzjoni li r-Russi Ortodossi jiġu f'pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa hi antikissima. Minħabba l-fatt li l-Knisja Russa Ortodossa nfirxet fit-territorju immens tar-Russja għamel minnha l-akbar Knisja Ortodossa tad-dinja. Kienu ħafna r-Russi Ortodossi li kellhom isofru persekuzzjoni waqt ir-rivoluzzjoni Bolshevita tal-1917 u waqt il-ħakma Komunista fl-ex Unjoni Sovjetika.

Sadanittant fl-1858 twaqqfet f'Ġerusalemm missjoni ekkleżjastika Russa. Minn dak il-mument il-preżenza tar-Russi Ortodossi fl-Art Imqaddsa baqgħet dejjem kostanti. Fi żmien it-Tsar Alexander II il-preżenza tal-Knisja Russa Ortodossa fil-belt ta' Ġerusalemm żviluppat fir-"Russian Compound", qrib ħafna tal-Belt il-Qadima u l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, b'istituzzjonijiet edukattivi, assistenzjali, mediċi, u bi knejjes, fosthom il-Katidral tat-Trinità mibni fl-1872. Il-komunità Russa Ortodossa żviluppat ukoll fi bliet oħrajn fil-Palestina (Nazaret, Ġaffa, Ramleh, Haifa, Ġeriko, Ħebron, Jenin, Tiberija). L-opra ta' bini ta' knejjes u ospizi kienet marbuta l-aktar mal-figura tal-Arċimandrita Antonin Kapustin. Fi tmiem is-seklu 19 kienu jaslu Ġerusalemm mal-10.000 pellegrin kull sena, xi kultant bil-mixi mir-Russja.

Għalkemm fis-seklu 19 kien faċli dan l-iżvilupp minħabba l-ħbiberija bejn ir-Russja u t-Turkija Ottomana, mal-Ewwel Gwerra Dinjija kollox intemm ħesrem minħabba li ż-żewġ potenzi saru għedewwa. Il-Knisja Russa Ortodossa tilfet ħafna proprjetà f'Ġerusalemm, li għaddiet f'idejn il-Knisja Griega Ortodossa. Fi żmien l-Unjoni Sovjetika l-Knisja Russa Ortodossa fil-Palestina ngħaqdet mal-Knejjes l-oħrajn Russi Ortodossi li kienu fl-eżilju. Mat-twelid tal-iStat ta' Israel fl-1948 u r-rikonoxximent tiegħu mill-Unjoni Sovjetika, ħafna mill-proprjetà tal-missjoni għaddiet f'idejn il-Patrijarkat ta' Moska, flimkien mal-Katidral tat-Trinità f'Ġerusalemm, il-kunvent Russu fuq il-Karmelu f'Haifa, u l-knisja ta' San Pietru bil-qabar ta' Tabitha (cf. Atti 9,36-43) f'Ġaffa. Sal-lum il-Katidral tat-Trinità u l-monasteru kbir li hemm maġenbu jinsabu fiċ-ċentru tar-*Russian Compound*, jew *Moskobiyyeh* bl-Għarbi, qrib ħafna ta' Triq Ġaffa (Yafo) fil-Belt il-Ġdida u tal-ħitan tal-Belt il-Qadima (Bieb il-Ġdid u Bieb Ġaffa). Kien hemm ukoll konsolat, sptar u ospizju għall-pellegrini f'din iż-żona.

Diversi monaċi Russi, irġiel u nisa, għandhom monasteri, fosthom dak fuq l-Għolja taż-Żebbuġ f'Ġerusalemm, f'Għajn Karem, Ġaffa, Karmelu (Haifa), Tiberija u Ħebron. Is-Sinodu tal-Isqfijiet Russi Ortodossi barra mir-Russja, li ġie mwaqqaf fl-1920 b'sentimenti kbar anti-Komunisti, u li llum għandu xi nofs miljun tal-fidili (magħrufin bħala

Russi bojod) imexxi binja f'Ġerusalemm, qrib ħafna tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, magħrufa bħala Saint Alexander Nievsky. L-istess istituzzjoni għandha l-monasteru u knisja stupenda ta' Santa Marija Maddalena, bil-koppli mdehbin tagħha, ftit passi fuq il-Ġetsemani, fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, kif ukoll dak tal-Axxensjoni fuq il-quċċata tal-Għolja, bil-kampnar għoli tiegħu li jimmarka l-ogħla punt ta' Ġerusalemm u hu viżibbli saħansitra mill-Ġordanja. Il-monasteru ta' San Karitone, fil-Wadi Farah fid-deżert ta' Ġuda, hu wkoll proprjetà tal-Knisja Russa Ortodossa. Il-monasteru Gorney fuq Għajn Karem għandu knisja majestuża b'koppli tad-deheb, li saru b'fondi mogħtija minn Israel b'inizjattiva tal-ex Prim Ministru Ari'el Sharon bi skop ta' ħbiberija politika mal-President Vladimir Putin tar-Russja.

Illum il-ġurnata l-preżenza Russa fl-Art Imqaddsa żdiedet u hu ikkalkolat li mal-40 elf Russu mill-ex Unjoni Sovjetika u pajjiżi viċini jgħixu f'Israel. Għalkemm ħafna minnhom huma ateji, ċertament numru kbir huma Russi Ortodossi, li huma dejjem aktar evidenti fin-numru ta' Kristjani Russi li jiġu jitolbu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Il-preżenza tal-membri tal-kleru u monaċi hi ta' madwar 150. L-awtorità reliġjuża hi eżerċitata minn żewġ arċimandriti jew igumeni (kapijiet ta' monasteri), għax il-Knisja Russa Ortodossa fl-Art Imqaddsa hi maqsuma bejn dik marbuta mal-Patrijarkat Russu ta' Moska (Knisja ħamra) u dik marbuta mal-Knisja Russa fl-eżilju (Knisja bajda). Fit-18 ta' Mejju 2007 saret l-unjoni bejn dawn iż-żewġ sezzjonijiet, imma l-Knisja Russa li qabel kienet fl-eżilju għadha żżomm l-awtorità amministrattiva tagħha.

## Il-Knisja Rumena Ortodossa

Skont tradizzjoni antika Kristjana Rumena, jingħad li din il-Knisja tmur lura għal żminijiet appostoliċi, bil-


*Katidral tat-Trinità fir-Russian Compound Ġerusalemm*

predikazzjoni ta' San Pawl lill-poplu tat-Traċja (cf. Atti 15,19). Il-Knisja Ortodossa tar-Rumanija tmur lura għall-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu, u hi frott ta' ħidma ta' evanġelizzazzjoni kemm ta' missjunarji Biżantini kif ukoll ta' oħrajn Latini.

Fl-1859 l-għaqda politika tal-prinċpijiet Rumeni tal-Moldova u Wallachia ffurmat ir-Rumanija moderna. Fl-1872 il-Knejjes Ortodossi ta' dawn il-prinċipalitajiet, jiġifieri l-Knisja Metropolitana tal-Ungerija-Wallachia u dik tal-Moldova, ingħaqdu biex jiffurmaw il-Knisja Rumena Ortodossa, li hi t-tieni l-akbar Knisja Ortodossa wara dik Russa. B'hekk twieldet il-Knisja awtoċefala Rumena Ortodossa, li fl-1925 ġiet irrikonoxxuta bħala Patrijarkat mill-Patrijarka ta' Kostantinopli.

Il-preżenza tal-Knisja Rumena Ortodossa f'Ġerusalemm tmur lura għall-1946, bil-kostituzzjoni ta' "Rappreżentanza tal-Patrijarkat Rumen Ortodoss maġenb il-Postijiet Qaddisa". Fl-1975 ġiet mibnija l-knisja ta' San Ġorġ f'Ġerusalemm il-ġdida. Hi amministrata minn arċimandrita u tiġbor madwar 400 fidil. Ta' min jgħid, iżda, li kienu bosta l-immigrati Rumeni li daħlu Israel bi skopijiet ta' xogħol fis-snin li għaddew, u li għalhekk x'aktarx li bosta minnhom huma Kristjani u forsi wkoll prattikanti.

## Russi u Ukrajni Ortodossi fl-Art Imqaddsa

Fenomenu reċenti f'Israel, l-aktar matul l-1989-1993, kien dak ta' immigrazzjoni massiċċa ta' persuni ġejjin mir-Russja u l-Ukrajna li jgħidu li huma dixxendenti ta' Lhud. Din l-*'aliah*, jew telgħa lejn *Eretz Israel* (Art ta' Israel) ġiet inkuraġġita mill-politika ta' gvernijiet Israeljani biex tiżdied il-popolazzjoni Israeljana, u hu stmat li daħlu mal-miljun Russu u Ukrajin. Għalkemm huma uffiċjalment meqjusin li huma Lhud u ta' dixxendenza Lhudija, fil-fatt bosta minnhom huma fil-prattika Kristjani, anke jekk forsi mhux dejjem prattikanti minħabba l-fatt li kienu ġejjin minn pajjiżi ex-Komunisti. Lanqas jaqblilhom jistqarru fil-beraħ li huma Kristjani, biex b'hekk huma jistgħu jiġu integrati fis-soċjetà Lhudija u jsibu xogħol f'Israel. B'hekk hemm min jgħid li f'Israel hemm eluf ta' "kripto-Kristjani" (Kristjani li huma moħbijin). Ħafna minnhom huma Russi jew Ukrajni. L-istimi jvarjaw. Il-Patrijarkat Grieg Ortodoss jgħid li huma mal-450 elf, imma forsi din hi ċifra esaġerata, filwaqt li istituzzjonijiet Israeljani jikkalkulaw li huma mal-250 elf. Dawn il-Kristjani jinsabu f'sitwazzjoni ambigwa. Mill-banda l-waħda jridu jintegraw ruħhom f'Israel biex ikunu ċittadini bid-drittijiet kollha, u dan jinkludi sforzi biex huma jerġgħu "jiskopru" l-oriġini tagħhom reliġjużi bħala Lhud, u ssir pressjoni fuqhom mill-awtoritajiet reliġjużi Lhud għal dan l-iskop. Mill-banda l-oħra huma trabbew f'familji ta' tradizzjoni Kristjana, u anke jekk xi darba kienu Lhud kienu tilfu l-identità Lhudija reliġjuża tagħhom, imma jibżgħu joħorġu fil-beraħ minħabba li f'Israel il-prożelitiżmu favur reliġjonijiet barra dik Lhudija hu pprojbit. B'hekk jeħtieġu kura pastorali intensa, li mhux dejjem isibu fil-Knejjes Ortodossi jew ukoll fil-Knisja Kattolika, li jridu jkunu prudenti fil-ħidma tagħhom ta' evanġelizzazzjoni. Huma realtà ġdida fit-tessut soċjali Israeljan, imma hawnhekk inqisuhom bħala parti mit-tradizzjoni veneranda tal-Knejjes Kristjani Ortodossi preżenti fl-Art Imqaddsa.



# IL-VALUR TAL-FLUS FIL-BIBBJA

***Fr Charles Buttigieg***

*"Jekk jagħti bir-ras lil xi lsir - jew ilsira - sidu jagħti tletin biċċa tal-fidda lil sid l-ilsir u l-gendus jitħaġġar"*

***(Eżodu 21:31)***

## Flus għal-Lhud, Rumani u Griegi

Nafu lkoll dwar l-importanza tal-flus fl-istorja tal-bniedem. Il-Flus, bl-Ebrajk *kesef*, narawhom jiċċirkulaw fl-era biblika u fost il-kulturi differenti tal-Bibbja. Lidja, jew Ludda, fl-Asja Minuri, it-Turkija tal-lum, hija magħrufa bħala l-post tal-invenzjoni tal-muniti tal-flus fi żmien r-re Croesus. Il-flus fil-Bibbja jissemmew 140 darba. Għandna diversi tipi ta' flus li jissemmew fil-Bibbja kemm fl-Antik Testment u kemm fil-vanġelji fil-ħajja ta' Ġesù u fil-parabboli tiegħu. Abraham kien xtara għar bħala qabar għal martu Sara ġewwa Makfela 400 xekel tal-fidda (ara Ġen 23:16). Naraw fuq kollox il-pubblikani li jiġbru t-taxxi tal-flus mingħand il-Lhud għar-Rumani li kienu jaħkmu fuqhom fil-Palestina. Fil-Passjoni naraw li Ġesù jinbiegħ għal tletin biċċa tal-fidda.

Fl-Antik Testment naraw lil Abraham li kellu familja kbira sinjura, jagħti 400 xekel tal-fidda lil Għefron għall-għar ta' Makfela, liema somma llum tqarreb il-195 Euro. Abimelek ħallas lil Abraham għal Sara permezz ta' nagħaġ, baqar, ilsiera u 1000 biċċa tal-fidda (ara Ġen 20:14-16). Niltaqgħu ukoll max-xekel li kienu l-flus li kienu jużaw il-Lhud biex iħallsu t-taxxi madwar is-sena 500 Q.K.. Il-kelma xekel, ġejja minn *shakal*, tirriferi għall-użin tal-fidda li biha kienu jħallsu l-Lhud qabel ma daħlu l-muniti proprju tal-flus. 3000 xekel kienu jagħmlu talent li kienet somma kbira ħafna (ara l-parabbola tal-maħfra u tat-talenti), illum kieku jiswa mal-1470 Euro. Talent kien fih 60 mina, mis-sistema Babiloniża bbażata fuq in-numru sitta, u kien jagħmel 6000 dinar Ruman. It-talent kien jiżen 34kg ta' fidda u kien paga, dakinhar, ta' 20 sena xogħol. Il-mina kien fiha 50 xekel u kien fiha 567gr ta' fidda (ara Eżek 45:12), fil-valur tal-lum tiswa 24 Euro u 73ċ. Mina kien fiha 100 dinar (ara Eżek 45:12 u l-parabbola tal-mina f'Luqa 19:12 u l-parabbola tad-drakma l-mitlufa, f'Luqa 15:8).



Xekel Lhudi kien daqs tetradrakma Griega u stater tal-fidda Ruman u kien fihom 11.3 grammi ta' fidda (ara 2 Re 7:16, ara Lev 5:15 u 27:16), illum kieku jiswa 49ċ. L-istater Ruman kellu l-wiċċ ta' Ċesari fuqu. Kienu jagħmlu 2 dinari jew 4 drachmas Griegi (ara Matt 17:27). Kien hemm ukoll ix-xekel tad-deheb li kien jiswa daqs 15-il xekel tal-fidda, illum jiswa 7.35 Euro, kien hemm il-mina tad-deheb li llum kieku tiswa 370.60 Euro u t-talent tad-deheb li kieku jiswa 22,268 Euro. Fil-fatt ir-Re Salamun kien ġab 420 talent tad-deheb minn Ofir u r-Reġina ta' Sheba kienet ġabitlu 120 talent tad-deheb. Huwa stmat li fir-renju tiegħu ta' 40 sena huwa kellu 36.9 biljun Euro f'talenti tad-deheb. L-Aureus tad-deheb li kellhom il-Lhud kien jiswa kwart ta' mina, illum kieku jiswa 3 Euro u 83ċ. Il-gera, l-inqas munita tal-Lhud kien fiha 0.6 gramm tal-fidda u kienet tiswa xi 2.45ċ, u għoxrin bħalha kienu jagħmlu xekel (ara Esodu 30:13). Żewġ għasafar kienu jiswew kwart ta' dinar jew nofs kwart ta' xekel jew ftit iktar minn żewġ gera, xi 6ċ. (ara Matt 10:29). Il-bekah kienet tiswa 10 gera (xi 24.5ċ) u x-xekel kien fih żewġ beka. Il-prutah tal-Lhud kienet tiswa' ftit, daqs il-qaudrans tar-Rumani. Tajjeb li ngħidu li l-Bibbja ssemmi s-self fejn kienet tesiġi li ma jintalabux interessi mill-



foqra u għalhekk kontra kull prattika ta' użura (ara Es 22:25). Ix-xekel kellu fuqu xbieha tal-allat pagani u kellu l-oriġini tiegħu minn Tir u għalhekk minn Kaanan. Ikla normali kienet tiswa xekel. B'150 biċċa tal-fidda wieħed kien jixtri żiemel (ara 1 Re 10:29). Karru taż-żwiemel kien jiswa 600 xekel (1 Re 10:29). Il-profeta Hosegħa kien xtara lura lil martu Gomer il-prostituta u t-tlett itfal tagħha għal 15-il xekel. Il-mohar jiġifieri il-prezz li kien jagħti l-għarus lill-missier il-mara kien ta' ħamsin xekel (ara Dewt 22:28-29).

Id-dinar *denarius*, li tfisser għaxra, kien valur tal-flus tar-Rumani. Ir-Rumani kellhom ukoll il-quadrans, kwadranti, minn *quatuor* li tfisser erbgħa, bħala l-iżgħar munita (ara Matt 5:26 u Mk 12:42, kieku tiswa 0.2ċ) li erbgħa bħalu kienu jagħmlu assarion (assi), ara Matt 10:29 u Lq 12:6, kieku jiswa 0.77ċ. Id-dinar fil-fatt kien jiswa daqs għaxar assarion li mbagħad iktar 'il quddiem sar jiswa daqs 16-il assarion. Il-kodrantes tal-Griegi kienet tiswa daqs il-quadrans tar-Rumani. Il-Griegi kellhom ukoll it-tetradrakma tal-fidda li kienet daqs erba' drakmi (510-38 Q.K.) fejn id-drakma kienet tiżen 4.3 grammi. Kien hemm ukoll l-istater tad-deheb li kienet tiżen 8.5 grammi, li kien jiswa daqs 20 drakma. Il-Griegi kellhom il-lepton bħala l-inqas munita (ara Matt 12:2; Lq 12:29) fil-fatt studji fuq il-famuż Liżar ta' Turin (ara Ġw 20:7), imsemmi diġà fl-omeliji minn Brawlju ta' Sevilja, juri li fuq l-għajnejn ta' Kristu kienu tpoġġew l-lepton bil-kliem



Grieg magħmula fi żmien Pilatu madwar is-snin 29-32 A.D., skont drawwa Lhudija fid-dfin. Id-dariks, imsemmi għar-Re Darju I minn 521 sa 485 Q.K., kienu tal-Persjani msemmija f'Eżra 8:27 u Neħ 7:70 u kien jiżen 8.4 gramma ta' deheb u 5.6 grammi tal-fidda u kellu fuqu r-Re Darju jispara bil-vleġġa. Dawn niltaqgħu magħhom fi żmien l-eżilju ta' Babilonja. Żgur li l-immaġni tal-allat fil-muniti kien sagrileġġ kbir għal-Lhud li kienu jsegwu l-projbizzjoni tal-immaġni tal-allat.

## Flus għat-Tempju

It-taxxa tat-tempju jiġifieri t-tribut lit-tempju kienet nofs xekel jew didrakma Griega jew dinar (ara Esodu 30:13-16 u Matt 17:24), kieku illum 24.5ċ. Fil-fatt kienet teżisti din il-munita għat-tempju. Il-lepton Grieg kienet l-inqas flus li kellhom il-Lhud u din kienet inqas mill-gera. U għalhekk meqjusin bħala l-flus tal-armla u tal-fqar kif naraw f'Mark 12:41-44 u Luqa 21:1-4 fejn naraw l-offerta u l-karità tal-armla ta' 'tliet ħabbiet (tliet lepton Griegi)':

"Kien qiegħed biswit it-teżor, iħares u jara xi flus jitfgħu n-nies fit-teżor. Bosta għonja bdew jitfgħu ħafna. Resqet waħda armla fqira u tefgħet biċċtejn żgħar, jiġifieri xi tliet ħabbiet. Hu sejjaħ id-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Tassew ngħidilkom, li din l-armla fqira tefgħet iktar minn dawk kollha li tefgħu fit-teżor. Għax dawk kollha tefgħu miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha, tefgħet kull ma kellha, dak kollu li kellha biex tgħix." Il-lepton kien jiżen 0.5 gramma ta' bronż jew ċomb u tiswa xi 0.8ċ. Il-kelma Griega *lepton* tfisser żgħir. 32 minnhom kienu jagħmlu dinar li fi żmien Ġesù kienet il-paga ordinarja ta' ġurnata xogħol u 64 minnhom kienu jagħmlu xekel u 3 minnhom gera. 2 leptons kienu jagħmlu quadrans Ruman u 8 minnhom jagħmlu assarion Grieg, 32 minnhom kienu jagħmlu 32 sestertius Ruman (ara





Matt 29:19; Luqa 15:8 u Atti 19:19). Dawn il-flus kienu magħmula mir-Re Alessandru Jannaeus bejn 103 u 76 Q.K. u fuq naħa minnhom kien hemm is-simbolu tal-ankra li kienet s-simbolu tal-qawwa navali tad-dinastija tas-Selewki u fuq n-naħa l-oħra kien hemm is-simbolu tal-kewkba, simbolu tas-swewwiet u tar-rejiet. Kienet tiswa madwar 13-il minuta xogħol ta' ġurnata. L-armla fqira titfa' biċċtejn taċ-ċomb jew tliet ħabbiet minn dawn il-flus fit-tempju, xi 2.4ċ. Bil-valur tal-ħajja u tax-xogħol tal-lum hija tefgħet 1 euro u 25ċ. Hawnhekk Ġesù jfaħħar il-ġest ta' din il-mara. Jalla kieku aħna ukoll nitfgħu Euro fl-offerta waqt il-quddiesa bħalma għamlet din l-armla fqira li tefgħet kull ma kellha, u mhux issib forsi lil min jikkuntenta li jitfa' 1ċ u jgħid li qiegħed jgħin lill-knisja! F'Mark 11:15 għandna wkoll l-episodju singulari ta' Ġesù meta qaleb l-imwejjed tas-sarrafa tal-flus fit-tempju għall-poplu Lhudi pellegrin tad-djaspora fejn kien iħallas t-tribut annwali lit-tempju ta' nofs xekel.

## Flus għal Ċesari

It-Tribut lil Ċesari u għalhekk lill-Imperatur Ruman kien ta' dinar Ruman (ara Matt 22:19-21 u Luqa 15:8 u Mark 12:14). "Ġew u qalulu: 'Mgħallem, aħna nafu li inti raġel tħobb is-sewwa u li ma tħabbel rasek b'ħadd, għax int lejn wiċċ ħadd ma tħares, imma t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi. Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?'" Ir-risposta ta' Ġesù hija li jagħtu (fil-Grieg għandna l-kelma *apodote* li tfisser irritornaw lura) dak li hu ta' Ċesari lil Ċesari u lil Alla dak li hu ta' Alla. Id-dinar Ruman kellu miktub fuqu 'Cesar Augustus Tiberius, iben id-Divin Augustus'. Id-dinar kienet it-taxxa li kienet tingħata lir-Rumani. Il-munita tad-*denarius* Ruman kellha l-wiċċ tat-Tiberius u fuq in-naħa l-oħra ta' Awgustu Ċesari. Il-kelma *denarius* ġejja mil-latin: *deni* li tfisser għaxra. Fis-sena 269 Q.K. din il-munita tal-fidda kienet tiżen 6.8 grammi. Fis-sena 211 Q.K. bdiet tiżen 4.5 grammi, sakemm il-valur niżel għal 3.9 grammi fi żmien Kristu. Matt 20:2 u Ġw 12:5 jirriferu għal dinar bħala paga ta' ġurnata xogħol. F'Mattew 17:24-27 naraw lil Ġesù jordna lil Pietru sabiex jaqbad ħuta u f'ħalqha jsib il-flus għall-ħlas tat-taxxa. Huwa sab stater ta' erba' valuri li kienu biżżejjed għal ħlas ta' żewġ persuni jiġifieri għal Pietru u għal Ġesù. Il-ħuta aktarx kienet dik li wieħed isib fl-Għadira tat-Tiberija fejn kienu jistadu l-appostli, it-Tilapia, meqjusa bħala l-ħuta ta' San Pietru. It-taxxa kienet tgħaddi lill-pubblikani mbagħad lill-kap tal-pubblikani, lil Erodi u mbagħad lill-Imperatur. Id-dħul annwali minn Salome





minn Jamnia u Ashdod u Phasaelis kien ta' 60 talent, dak ta' Filippu mit-territorji ta' Fuq kien ma' 100 talent, ta' Erodi Antipas mill-Galilea u Perea kien 200 talent, ta' Arkelaws mill-Idumea, Ġudea u Samarija ta' 600 talent u ta' Agrippa mill-Palestina kollha kien ta' 2000 talent. F'Mattew 18:23-25 naraw l-istorja tal-qaddej li kellu jagħti 10,000 talent (600,000 dinar, xi 147,000 Euro) lis-sid tiegħu li ħafer dan id-dejn kollu imma huwa ma kienx ħafer lil min kellu jagħtih biss 100 dinar, xi 24.5 euros. F'Lq 12:6 niltaqgħu mad-dipondju Ruman li kienet munita tal-bronż li kienet tiswa daqs żewġ assi. Aureus Ruman kien fih 25 drakma Griega. Waqt li 240 aureus kienu daqs talent. Dinar Ruman kien fih 16 assi.

Tajjeb ukoll ngħidu dwar iż-żewġ dinari li ħallas is-Samaritan it-tajjeb għar-raġel ferut lil tal-lukanda. Dawn kienu paga ta' jumejn, oħrajn jgħidu li kienu flus għal ġimagħtejn u oħrajn jgħidu li kienu għal xahrejn u għalhekk mela żgur ma kinux biss 'biċċtejn' tal-flus.

## Flus għall-Bewsa

Għal tletin biċċa tal-fidda, għal tletin xekel, daqshekk swiet il-bewsa, bil-Grieg *kataphilein*, tat-tradiment ta' Ġuda l-Iskarjota. Ġuda ttradixxa lil Ġesù għal tletin biċċa tal-fidda, bil-Grieg kellhom il-valur ta' *arguria*, kif naraw f'Mattew 26:15, Mark 14:10-11 u Luqa 22:1-6. Aktarx kienu tletin stater ta' Antijokja li kellhom fuqhom lil Awgustu Ċesari. It-tletin biċċa tal-fidda huma msemmijin fl-Esodu u fil-ktieb ta' Żakkarija u f'Ġeremija kap 32. Dakinhar kienu jiswew paga ta' xahrejn xogħol. Ġuda jiddispjaċih u x'ħin ra li Ġesù verament kien se jinqatel mar u rritorna l-flus lura fit-tempju però l-qassisin qalu li ma setgħux jitfgħu dawn il-flus fit-tempju u għalhekk xtraw l-Għalqa tal-Fuħħari (ara Matt 27:3-8). F'Żakkarija 11:12-13 naraw dawn it-tletin biċċa tal-fidda li jingħata Żakkarija u dan jagħtihom lill-fuħħar fid-dar ta' Alla. Fl-Esodu 21:31

naraw it-tletin biċċa tal-fidda bħala l-prezz ta' ilsir li jinqatel u għalhekk il-flus tad-demm: "Jekk jagħti bir-ras lil xi lsir - jew ilsira - sidu jagħti tletin biċċa tal-fidda lil sid l-ilsir u l-gendus jitħaġġar". It-tletin xekel kienu l-kumpens għall-ilsir maqtul. U għalhekk naraw hawnhekk il-prezz li jingħata Alla, lil Ġesù, ir-Re tar-rejiet, prezz ta' ilsir.

Bil-flus li reġa' ta lura Ġuda fit-tempju, il-qassisin xtraw għalqa għad-dfin tal-barranin. Imsemmija bħala l-Għalqa tal-Fuħħari għaliex il-ħamrija tagħha kienet ta' natura taflija, tafal aħmar, kulur id-demm. Fil-Bibbja hija msemmija bħala *haceldam* jew *akeldama* jiġifieri l-għalqa tad-demm, għaliex bihom inxtara d-demm tal-Ħaruf il-ġdid jiġifieri ta' Kristu. Anke d-diskors ta' Pietru f'Atti 1:18-19 isemmi din l-għalqa fejn jgħid li kien xtraha Ġuda u qatel ruħu b'idejh fiha. Anke Ġeremija jsemmi din il-għalqa kif naraw f'32:2 u 7:32: "Għalhekk, araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, ma jissejjaħx aktar Tofet jew Wied Ben Ħinnom imma Wied il-Qatla. Għad jidfnu f'Tofet, għax ma jkunx hemm post ieħor". San Ġirolmu jgħid li din l-għalqa kienet tinsab fin-nofsinhar tal-muntanja Sijon. Antonju ta' Pjaċenza fis-sena 570 jgħid li kienet isservi għad-dfin tal-pellegrini. Fi żmien il-Kruċjati kienu jindinfu fiha madwar 50 persuna kuljum. Fl-1892 il-Knisja Ortodossa Griega kienet bniet hawnhekk monasteru ddedikat lil San Onofriju. Il-fatt li f'din il-għalqa mixtrija bid-demm ta' Kristu kienu jindifnu l-popli kollha, juri kemm is-salvazzjoni ta' Kristu hija miftuħa lill-popli kollha.

## Biblijografija


Aiken Banks, F., "Coins of Bible Days", in *Journal of Bible and Religion* 24 (1956/3) 234.

Betlyon, J.W., "Coinage", in *Anchor Bible Dictionary* 1, 1076-1089.

Adrian J. Boas, *Archaeology of the military orders*, Taylor and Francis 2006.

A. Bonnard, *L'Evangelie selon Saint Matthieu*, Paris 1963.

*Christianity on Coins of the Holy Land*, Exhibition Catalogue, Eretz Israel Museum, Tel Aviv 2000.

Daswallader, A.H., "In Go(l)d we trust: Literary and economic currency exchange in the debate over Caesar's coin (Mark 12:13-17)", in *Biblical Interpretation* 14 (2006).

David Hill, *The Gospel of Matthew*, Oliphants 1972.

Habermas, G.R., "The shroud of Turin and its significance for biblical studies", in *JETS* 24 (1981) 47-54.

Hanson, K.C., "The Galilean Fishing economy and the Jesus Tradition", in *BTB* 27 (1997) 99-111.

Kreitzer, L., *Striking new images: Roman Imperial coinage and the New Testament world*, Sheffield 1996.

B. Lindars, *New Testament Apologetic*, London 1961.

Wacks, M., *The handbook of Biblical numismatics: from Abraham to the Crusades*, 2008.



# IL-MEWT TA' ĠESÙ ĠABET BIDLA FL-EŻISTENZA TAL-BNIEDEM

*Mons. Lawrenz Sciberras*

*"Għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes."*

*(Lhud 10,14)*

Il-mewt vittma ta' Ġesù fuq il-Kalvarju, mela l-offerta tiegħu nnifsu stess, din biddlet l-eżistenza kollha ta' kull bniedem ta' kull żmien, razza u età. Din il-mewt vjolenti ta' Ġesù ħelsitna minn kull tfixkil fil-mixja tagħna lejn Alla, warrbet u ġarrfet il-ħajt tal-firda, anzi qaddsitna u fetħitilna l-opportunità għal aktar għajnuniet. Hekk issa l-vera qima mogħtija lil Alla setgħet issir b'mod aktar perfett, dejjem grazzi għall-mewt ta' Ġesù. Dan il-mod perfett u għoli qiegħed fil-fatt li ma fadalx aktar offerti lil Alla ta' bhejjem bħal l-imgħoddi, imma baqa' biss l-offerta tal-Kalvarju.

Fil-ġisem irxoxtat u glorjuż ta' Kristu titwettaq għaqda perfetta tal-bniedem ma' Alla. Hemm bżonn għalhekk li nżommu ħajja din il-konvinzjoni. Din mhix xi ħaġa teoretika, daqskemm fil-prattika u eżistenzjali. Mhux le l-mezzi esterni li jgħoddu, – li nżidu ħafna attivitajiet, l-inizjattivi u kapaċitajiet oħra, programmi li jixorbu ħafna ħin u enerġija – li jagħtu frott effikaċi għal ħajja spiritwali u appostolika, imma hija l-għaqda personali mar-rieda sħiħa ta' Alla fi Kristu. Din l-għaqda għandha tkun waħda interna, ġejja mill-qalb u għandha tibqa' sejra mal-eżistenza kollha tagħna. Ma twarrabx il-ġisem iżda tqaddsu aktar u tipperfezzjonah. Grazzi għal din l-għaqda personali tal-bniedem ma' Alla, il-bniedem ħa eżistenza aktar perfetta u sabiħa.

## Ġuħ għar-rieda ta' missieru

Ġesù kellu tassew il-ġuħ għall-volontà ta' Alla Missieru. Aħna xi drabi nwarrbu din il-volontà, ma rridux insiru nafuha, għaliex nibżgħu li tmur kontra l-proġetti personali u ma taqbilx mal-ħsibijiet tagħna. Hawn jidħol ħafna l-egoiżmu sfrenat tal-bniedem ta' llum. Iżda dan huwa atteġġjament kompletament żbaljat. Aħna ma nifhmux biżżejjed li r-rieda ta' Alla hija espressjoni tal-imħabba personali għal kull wieħed minna. Fil-fatt ukoll l-azzjonijiet l-aktar sempliċi imma magħmulin skont ir-rieda ta' Alla għandhom valur u qawwa akbar minn tant azzjonijiet kbar u li jagħmlu ħafna ħoss u li jsiru skont il-ħsieb tal-bniedem.

Tiswa wisq aktar ħajja mgħixa fil-moħbi imma skont ir-rieda ta' Alla – bħal dik tal-Madonna – mill-ħafna xogħol straordinarju li jsir mill-għira tal-bniedem,





inkella biex jagħmel wirja tiegħu nnifsu. Hawn jidħol it-twemmin kollu dwar dak li hemm ġewwa l-bniedem u le dak li jkun hemm barra.

## In-numru kbir ta' offerti

L-awtur imbagħad ikompli juri l-kuntrast bejn is-sagrifiċċji tal-imgħoddi u l-offerta waħda li għamel darba biss Ġesù. Id-debħiet tal-qedem kontinwament kienu jiġu ripetuti. Ir-raġunar żbaljat kien li aktar ma żżid minn dawn l-offerti aktar hemm iċ-ċans li tiġi mismugħ. Dik ta' Kristu kienet unika, waħda u darba. L-oħrajn kienu jiġu ripetuti għaliex kienu bla qawwa. "Kull qassis ieħor imur kuljum biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet. Imma Kristu wara li offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet, qagħad għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla, fejn qiegħed jistenna sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh. Għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes" (Lhud 10,11-14).

Wieħed seta' jinterpreta n-numru ta' sagrifiċċji taħt diversi modi. Għall-istoriku Ġużeppi Flavju dawn kellhom tifsira sinifikattiva ħafna. Ġużeppi jibqa' mistagħġeb bin-numru kbir ta' ħrief li, fl-okkażjoni tal-festa tal-Għid, il-pellegrini li saħansitra kienu jitilgħu Ġerusalemm anke minn postijiet barra mill-art ta' Israel, kienu joffru lil Alla. L-awtur tal-Ittra lil-Lhud jagħti prova ta' aktar ċarezza. Minkejja n-numru kbir, is-sinjal huwa wieħed ta' falliment. Allura l-Lhud kienu jżidu fin-numru! Biss ir-riżultat aħħari kien dejjem jibqa' fejn hu. Sitwazzjoni li ma tinbidel qatt!

Il-qassisin u magħhom il-leviti l-ħin kollu kienu mħabbtin biex joffru d-debħiet tagħhom, imma qatt ma rnexxielhom ineħħu d-dnubiet. Dejjem *status quo*. Dan kien fatt li ħadd ma seta' jinnegah.

Mhux hekk però kien dak ta' Kristu: dan għaliex b'sagrifiċċju wieħed laħaq il-għan li s-saċerdozju tal-qedem ma wasal qatt għalih u anqas seta' jasal. U sabiex juri l-qawwa tas-sagrifiċċju ta' Kristu, l-awtur ma jitkellimx biss mill-purifikazzjoni, jiġifieri ndafa minn barra, imma "milli jagħmel perfetti". Hawn differenza kbira fil-ħsieb ta' l-awtur. Difatti l-verb jaqra *teleioun.*

Fil-Pentatewku dan il-verb insibuh biss meta jitkellem mill-konsagrazzjoni tal-Qassis il-Kbir, mela wieħed mill-iktar mumenti sagri għall-poplu magħżul. Dan

għaliex il-Qassis il-Kbir kien l-ogħla, u l-eqdes bniedem li qatt seta' jidher fuq l-art. Almenu dan kien il-mixtieq min-nies twajbin ta' Israel! L-għemejjel tiegħu kellhom valur kbir u qawwi tassew. Difatti kien il-Qassis il-Kbir biss li darba fis-sena jidħol fil-parti l-iktar qaddisa tat-tempju bid-demm tal-annimal u jroxxu fuq l-arka u wara jippronunzja l-isem ta' Alla. Il-Qassis il-Kbir kien il-persuna responsabbli mis-sinedriju kollu u hu kellu dejjem l-aħħar kelma. Il-poplu kien joqgħod b'għajnejn magħluqa għall-kelma tiegħu.

Fl-Ebrajk biex wieħed jitkellem minn din il-konsagrazzjoni hemm espressjoni ftit stramba: *mille yad*, letteralment tfisser 'timla l-id'. Biex wieħed jikkonsagra lil xi ħadd qassis il-kbir, dan jimla l-id. Forsi din l-espressjoni ġejja mill-fatt li biex wieħed jinawgura il-ministeru sagrifikali il-qassis kien jilqa' f'idejh parti minn dik il-vittma u jibqa' sejjer jew aħjar jitla' biha fuq l-artal u hemm joffriha 'l Alla. Hekk tkompli tidher l-għaqda intrinsika tal-Qassis il-Kbir ma' Alla ta' Israel.

Issa dawk li għamlu it-traduzzjoni tal-iSkrittura għall-Grieg, il-Bibbja tas-Sebgħin LXX ma ridux jittraduċu letteralment dik l-espressjoni *mille yad*, li tidher ħafna materjali, iżda użaw il-verb *teleioun,* li jfisser 'tagħmel xi ħaġa perfetta'; forsi hekk dawn it-tradutturi użaw l-espressjoni l-iktar li tixraq għall-aċċettazzjoni reliġjuża. Difatti l-Qassis il-Kbir jiġi msejjaħ dak li jagħmel il-ħwejjeġ perfetti u sagri. (Lev 21,10; Lhud 7,28).

Huwa kollu f'postu u dejjem skont ma titlob l-istess natura tax-xogħol qaddis tiegħu, li kull qassis ikollu grad għoli ta' qdusija u perfezzjoni. Dan minħabba il-kuntatt li jkollu meta jidħol fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla, kemm meta jidħol fil-parti tan-nofs tat-tempju fejn joffri l-inċens kif ukoll meta joffri d-debħa lil Alla. Iżda fl-istess ħin l-awtur tal-ittra lil-Lhud josserva li l-konsagrazzjoni tal-qassisin kif ukoll dik tal-qassis il-kbir ma kienet twassal biex tagħmel xejn perfett jew ftit aħjar f'dak li jirċeviha. Dan għaliex kollox kien jikkonsisti f'riti minn barra biss, li naturalment ma kienu jibdlu xejn minn ġewwa. "Il-Liġi xejn ma wasslet għall-perfezzjoni; imma daħlet tama aħjar li biha aħna noqorbu lejn Alla" (Lhud 7,19).



Kristu bil-maqlub kien sar "tassew perfett" mhux permezz tar-riti esterni u bla ebda siwi u qawwa, imma grazzi għat-tbatijiet eżistenzjali li saru b'imħabba. (Lhud 2,10; 5,8-9) Din hija l-unika offerta ta' Kristu u li kellha effett doppju; (a) dak li jwassal il-perfezzjoni lil Kristu nnifsu, (b) dak li jwasslu u jgħaddih lilna: "Għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes." (Lhud 10,14)

Fil-passjoni Kristu nnifsu kien sar ATTIV u PASSIV. Huwa rċieva l-perfezzjoni u għaddiha lilna, u din hija perfezzjoni saċerdotali; perfezzjoni fir-realtà u l-ġewwa tal-Iben ta' Alla u ta' kompassjoni fraterna. Mill-offerta ta' Kristru li saret fuq il-Kalvarju issa ma jonqos xejn. Jonqos iva fina li napplikaw dan il-misteru sħiħ bil-qawwa li għandu.



# IL-FAMILJA: DRAWWIET U ĠRAJJIETHA FIL-ĠDID TESTMENT (2)

*Marcello Ghirlando*

## Ir-realtà teoloġika tal-familja fil-Ġdid Testment

Dak kollu li għidna s'issa mhuwiex biżżejjed biex nifhmu għal kollox ir-realtà tal-familja fil-Ġdid Testment. Irridu nżidu l-fatt li l-familja fi ħdan il-Ġudaiżmu kienet ukoll meqjusa bħala realtà teoloġika, jiġifieri l-post privileġġjat fejn Alla kien preżenti u fejn il-poplu kien

konkretament jagħti tweġiba bil-għajxien tal-Patt li Alla kien għamel mal-poplu tiegħu.

Huwa l-Ktieb tad-Dewteronomju li jisħaq fuq il-fatt li l-Patt jitlaqqam fil-ħajja ta' kuljum ta' kull familja Lhudija. L-istorja ta' Israel, l-għajxien tal-preċetti, it-tagħlim tal-Liġi ta' Mosè kollha jseħħu fi ħdan il-familja li hija msawra fuq il-mudell tal-imħabba li Alla Missier/Omm għandu għall-poplu għażiż tiegħu. Il-familja kienet, anke fi żminijiet il-Ġdid Testment, espressjoni fiċ-ċokon tal-identità ta' Israel bħala l-poplu l-magħżul ta' Alla. Anke Ġesù u d-dixxipli tiegħu, is-semmiegħa kollha tiegħu, kienu trawmu fil-ħarsien tal-patt u fl-imħabba lejn Alla fil-familji tagħhom.

Ma naħsibx li jkun għalxejn jekk inkomplu nisħqu li l-familja kienet il-bejta ewlenija li fiha l-ulied kienu jitlaqqmu fl-istorja tas-salvazzjoni tal-poplu tagħhom; kien fil-familja li kienu jitgħallmu l-liġijiet u l-preċetti, il-ħarsien tas-Sibt. Kien fil-kenn tal-familja li kienu jiċċelebraw il-festi l-kbar, festi li mbagħad kienu wkoll ifakkru flimkien mal-ġemgħa tal-poplu tagħhom. "Meta ibnek għada pitgħada jistaqsik, u jgħidlek: X'inhuma dawn il-preċetti, il-kmandamenti u d-digrieti li takom il-Mulej Alla tagħna?' int twieġeb lil ibnek: 'Konna lsiera tal-Fargħun fl-Eġittu, u ħariġna l-Mulej mill-Eġittu bil-qawwa ta' jdejh. U l-Mulej għamel quddiem għajnejna sinjali u għeġubijiet kbar bi ħsara għall-Eġittu, għall-Fargħun u daru kollha. Lilna ħariġna minn hemm biex iġibna fl-art, u jagħtihielna kif ħalef lil missirijietna. Il-Mulej ordnalna li nħarsu dawn il-kmandamenti kollha u li nibżgħu mill-Mulej, Alla tagħna, biex ikollna r-risq il-jiem kollha ta' ħajjitna bħalma aħna llum. U dan ikun is-sewwa tagħna: li nqisu li nagħmlu din il-liġi quddiem il-Mulej, Alla tagħna, bħalma ordnalna hu'" (Dt 6:20-25).

B'dan li għidna nistgħu nistqarru li anke fi żminijiet il-Ġdid Testment, il-familja baqgħet il-post privileġġjat għat-tagħlim u l-ħarsien tal-Patt. Il-familja, nistgħu ngħidu bla tlaqliq, kienet il-post fejn l-ulied kienu jagħmlu l-esperjenza tal-imħabba ta' Alla għalihom u għall-poplu tagħhom; kull talba mgħallma mill-ġenituri, kull ċelebrazzjoni, żgħira jew kbira, kienet l-okkażjoni li biha l-ulied kienu jintgħaġnu fl-esperjenza tad-divin fis-sempliċità tal-ħajja ta' kuljum.

Għalhekk nifhmu aħjar il-ħeġġa ta' Ġużeppi u Marija biex iħarsu dak li kien mitlub mill-Liġi ta' Mosè (Lq 2:21-24, 41-51). Fil-Vanġeli Ġesù jiġi ppreżentat li jgħallem fid-djar (Mk 1:32-33; 2:1-2; 3:19-20) u jibgħat lid-dixxipli tiegħu fid-djar, jiġifieri fil-familji (Mt 10:11-13; Mk 6:10). Il-ġenituri kienu jġibu lil uliedhom għand Ġesù għall-fejqan u għall-barka (Mk 5:21-43; 9:14-29; 10:13-16). Missirijiet, ommijiet u tfal kienu dejjem preżenti meta Ġesù kien jgħallem u meta kattar il-ħobż (Mt 14:21; 15:38).

F'dan id-dawl nistgħu nifhmu anke aħjar it-tħeġġiġa li jagħmel l-Appostlu Pawlu għall-ħajja familjari li issa trid tiġi mgħixha fil-Mulej, jiġifieri fid-dawl tal-patt il-ġdid imwettaq bil-fidwa ta' Kristu: "Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu. Intom, nisa miżżewġa, obdu lil żwieġkom, kif għandu jkun fil-Mulej. Intom imbagħad, irġiel miżżewġa, ħobbu n-nisa tagħkom, u tkunux iebsa magħhom. Intom, tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom f'kollox, għax dan hu li jogħġob lill-Mulej. Intom, missirijiet, la ddejqux lil uliedkom, għax inkella jistgħu jaqtgħu qalbhom" (Kol 3:17-21); "Oqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu. Intom in-nisa oqogħdu għal żwieġkom bħallikieku għall-Mulej, għax ir-raġel hu ras il-mara, bħalma Kristu hu ras il-Knisja, is-salvatur tal-Ġisem tiegħu. Għalhekk, bħalma l-Knisja



toqgħod għal Kristu, hekk ukoll in-nisa għandhom joqogħdu għal żwieġhom f'kollox. Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil tal-ilma u l-kelma u biex iressaqha quddiemu, din il-Knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd. Hekk għandhom ukoll l-irġiel iħobbu n-nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom stess. Min iħobb lil martu jkun iħobb lilu nnifsu. Qatt ħadd ma bagħad lil ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja, għax aħna lkoll membri tiegħu. Għalhekk ir-raġel iħalli 'l missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir! Għalhekk intom ukoll, kull wieħed minnkom, għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha. Intom it-tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej, għax dan huwa s-sewwa. 'Weġġaħ 'il missierek u 'l ommok': dan hu l-ewwel kmandament b'wegħda 'sabiex ikollok ir-risq u jtul għomrok fuq l-art'. U intom il-missirijiet, iġġarrbuhomx iżżejjed lil uliedkom; iżda rabbuhom fid-dixxiplina u t-twiddib tal-Mulej" (Ef 5:21 – 6:4).

Hawnhekk huwa sabiħ niftakru kif fil-medda tat-tradizzjoni biblika Israel kien dejjem jiġi meqjus bħala l-familja ta' Alla. Kemm drabi l-profeti ħarsu lejn Alla bħala Missier/Omm il-poplu: "Meta kien tfajjel Israel ħabbejtu, u mill-Eġittu sejjaħt lil ibni. Imma aktar ma sejjaħtilhom, aktar tbiegħdu minni; offrew sagrifiċċji lil Bagħalim, u baħħru quddiem l-idoli. Kont jien li 'l Efrajm għallimtu jimxi, rfajthom fuq dirgħajja, iżda huma m'għarfux kemm kont ħadt ħsiebhom! Bi ħbula ta' bnedmin jien ġbidthom, b'rabtiet ta' mħabba; u kont għalihom bħal min jerfa' tarbija ma' ħaddejh, u lejha mmil nitmagħha" (Hos 11:1-4); "Dan jgħid il-Mulej, il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Israel; 'Jien hu l-Mulej, Alla tiegħek; jien ngħallmek għall-ġid tiegħek, u nqabbdek it-triq fejn għandek timxi'" (Iż 48:17); "Tista' mara tinsa lit-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Mqar jekk din

tinsa, jien ma ninsik qatt!… U kull bniedem ikun jaf li jien il-Mulej, il-Ħellies tiegħek, il-Feddej tiegħek, il-Qawwi ta' Ġakobb" (Iż 49:15. 26).

Ir-ribelljoni ta' Israel hija bħar-ribelljoni tal-ulied kontra l-ġenituri tagħhom (Ġer 2:27-29), Għalhekk il-ġenituri kienu jitqiesu li huma sinjal tal-presenza ta' Alla fil-familja; l-ubbidjenża jew id-diżubbidjenza tagħhom qishom sinjal tal-attitudni eżistenzjali tal-poplu quddiem Alla: "Min iweġġaħ 'il missieru jkollu għomor twil, u min iserraħ lil ommu jkun qed jisma' mill-Mulej" (Sir 3:6).

B'din it-tradizzjoni ħajja biblika hekk qawwija nistgħu nifhmu aħjar għaliex fil-Vanġeli Alla huwa dejjem ippreżentat u esperjenzat bħala Missier: Ġesù jitlob dejjem lill-Missier u jgħallem lid-dixxipli tiegħu jagħmlu l-istess (Lq 10:21; 11:1-4), u dan anke fit-tfittxija tar-rieda ta' Alla l-Missier f'kollox (Mk 3:35; 14:36; Mt 6:10; 7:21; 12:50). Alla huwa Missier li jindokra lil uliedu (Mt 6:25-33) "Itolbu, u jingħatalkom; fittxu, u ssibu; ħabbtu, u jiftħulkom. Għax kull min jitlob, jaqla', min ifittex isib, u min iħabbat jiftħulu. Min hu dak il-bniedem fostkom li, jekk ibnu jitolbu biċċa ħobż, sejjer jagħtih ġebla? Jew jekk jitolbu ħuta, sejjer jagħtih serp? Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar Missierkom li hu fis-smewwiet jagħti ħwejjeġ tajba lil min jitlobhomlu?" (Mt 7:7-11). F'Bin il-Missier (Ġw 1:14) kull min jemmen isir parti mill-familja tal-ulied adottivi ta' Alla: "Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx. Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux bid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla" (Ġw 1:11-13).

## Il-Familja Mqaddsa

Fil-kuntest ta' dak kollu li għidna nistgħu nifhmu aħjar il-ġrajjiet tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi, bid-dettalji kollha li huma miġbura fil-Vanġeli: Ġesù li jitwieled b'mod verġinali minn Marija, għarusa ta' Ġużeppi li kien mastrudaxxa (Mt 13:55; Mk 6:3), u li trabba fir-raħal ta' Nazaret (Mt 2:23; Mk 1:9; 6:1; Lq 2:39-40; Ġw 1:45),





flimkien mal-familja estiża ta' 'ħutu' subien u bniet (Mk3:31; 6:3; Ġw 7:3-10). Huwa f'familja karatteristika taż-żmien li Ġesù jitwieled, jitrabba u jikber.

Fil-fatt aħna nafu li huma San Mattew u San Luqa li l-aktar li jagħtuna ftit ħjiel tal-familja ta' Ġesù fl-hekk imsejħa Vanġeli tat-Tfulija. Dan jagħmluh fl-ewwel żewġ kapitli tal-Vanġeli tagħhom. Wara li bħall-evanġelisti l-oħra kkonċentraw li jagħtuna l-qofol tal-Bxara t-Tajba, Mattew u Luqa ħassew il-ħtieġa li jagħtu tweġiba għal diversi mistoqisijiet tal-ewlenin insara: minn fejn ġie Ġesù? Jekk huwa l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, kif sar bniedem, min rabbieh, minn ħejjih għall-missjoni ta' fidwa bħala Messija, huwa veru l-Messija li jwettaq il-wegħdiet li Alla kien għamel lill-poplu ta' Israel?

Kieku kellna nqiegħdu ż-żewġ verżjonijiet tat-tfulija ta' Ġesù u l-ġrajjiet bikrin tal-familja mqaddsa, malajr nindunaw li dawn huma differenti minn xulxin. San Mattew, wara r-rakkont tat-tħabbira lil Ġużeppi, jagħti l-idea li Ġużeppi u Marija kienu jgħixu Betlehem għax kellhom dar hemmhekk. Ġużeppi huwa mogħti importanza kbira fir-rakkont. Il-wasla tal-maġi, immexxijin mill-kewkba, twassal lis-sultan Erodi l-Kbir biex joqtol it-trabi ta' Betlehem u minħabba f'hekk il-familja mqaddsa taħrab lejn l-Eġittu. Wara l-mewt ta' Erodi huwa ibnu Arkelaws li jieħu f'idejh il-ħakma tal-Lhudija. Minħabba f'hekk Ġużeppi jibża' jirritorna Betlehem u għalhekk jieħu lil Marija u lit-tarbija Ġesù biex joqogħdu Nazaret, fil-Galilea.

Mill-banda l-oħra, San Luqa jagħti importanza kbira lil Marija. Jurina kif Marija u Ġużeppi kienu jgħixu Nazaret u marru Betlehem minħabba ċ-ċensiment Ruman. Il-fatt li Marija wildet lil Ġesù, fisqietu u medditu f'maxtura hemmhekk, juruna li ma kellhomx dar f'Betlehem. Flok il-maġi jissemmew ir-rgħajja li titħabbrilhom il-bxara t-tajba tat-twelid tal-Messija. Ir-ritorn lejn Nazaret iseħħ wara l-presentazzjoni tat-tarbija fit-Tempju ta' Ġerusalemm, fejn Ġesù jiġi magħruf mix-xwejjaħ Xmun u x-xwejħa

Anna. Luqa jagħtina wkoll il-ġrajja marbuta ma' Ġesù li ta' tnax-il sena jibqa' fit-Tempju jitħaddet mad-Dutturi.

Id-differenzi juru verità ċara: iż-żewġ evanġelisti għamlu għażla minn dak li ġie mgħoddi lilhom mill-familji ta' Ġużeppi u Marija. Mill-ġrajjiet nisġu teoloġija tal-istorja, jiġifieri r-riflessjoni u l-interpretazzjoni proprja tagħhom u tal-Knisja tal-bidu tal-ġrajjiet tat-tfulija tal-Mulej, ġrajjiet li huma ħarsu lura lejhom fid-dawl tal-att tal-fidwa li jseħħ fuq is-salib u bil-qawmien ta' Ġesù. Mattew u Luqa għażlu u għaġnu l-ġrajjiet bikrin tal-familja mqaddsa mal-Bxara t-Tajba li riedu jgħaddu biex iseddqu l-fidi tal-qarrejja tagħhom u ppruvaw jagħtu tweġiba ċara lil tant mistoqsijet li kellhom l-iskop li jifhmu aħjar l-identità ta' Ġesù fil-kuntest tal-istorja tal-fidwa tal-passat, fl-Antik Testment, u fil-preżent, jiġifieri fid-dawl tas-salib u l-qawmien.

Bir-rakkonti tal-ġrajjiet bikrin tal-familja mqaddsa San Mattew u San Luqa wrew li Ġesù kien Bin David permezz ta' Ġużeppi, u allura kien tassew it-twettiq tal-wegħdiet messjaniċi; jaqblu li Marija nisslet bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, mela Ġesù hu tassew l-Iben ta' Alla; bħala Bin Alla u Bin David Ġesù kellu jkun sinjal li jmeruh, kellu jsir il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna. B'ġrajjiet tfulitu, Ġesù huwa ppreżentat bħala Israel il-ġdid, anzi l-bniedem il-ġdid li jwettaq it-tamiet tal-istorja kollha tas-salvazzjoni. Hu "il-Verb li sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1:14): imma dan kollu bħala bniedem li sar bħalna f'kollox barra d-dnub.

## Familja bħall-oħrajn

Huwa interessanti ħafna kif id-dettalji rigward il-familja fi żminijiet il-Ġdid Testment li fuqhom tkellimna fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu huma misjuba fir-rakkonti tal-Vanġelu tat-Tfulija ta' Ġesù. Ħa naraw flimkien xi ftit eżempji.

San Mattew u Luqa huma ċari fid-deskrizzjoni tagħhom ta' Ġużeppi u Marija: kienu għarajjes. "Ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies" (Mt 1:18-19); "Alla bagħat l-anġlu Gabriel f'belt tal-Galilea, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija…' Kif ikun dan ladarba ma nagħrafx raġel?'" (Lq 1:26-27. 34) Ġużeppi u Marija kienu għarajjes: irridu nġibu quddiem għajnejna lil Ġużeppi, żagħżugħ ta' madwar għoxrin sena, u Marija, xebba ċkejkna ta' madwar ħmistax-il sena. Kienu diġà ta' xulxin legalment tant li Mattew isejjaħ lil Ġużeppi 'żewġha'; kienu ta' xulxin imma kienu fil-fażi li ma jgħixux taħt saqaf wieħed sakemm iħejju d-dar l-ġdida u l-festa tat-tieġ. Għalhekk Marija setgħet tistaqsi "Kif ikun dan ladarba ma nagħrafx raġel". Ġużeppi, li seta' fehem it-tqala ta' Marija bħala frott adulterju, iħammem li "ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies". Ir-ripudju tal-għarusa infidila, skont il-Liġi f'Dewteronomju 24:1, kellu jsir pubblikament bil-kitba tad-divorzju. Il-ġustizzja ta' Ġużeppi tiftaħ qalbu biex ifittex ir-rieda ta' Alla għall-familja futura tiegħu u bħal donnu kellu rokna ta' qalbu miftuħa li din it-tqala kienet opra misterjuża ta' Alla: l-anġlu kellu jirrivelalu l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fit-tqala ta' għarustu, u f'isem Alla, jipproponilu missjoni tal-għaġeb.

Din il-missjoni titħabbar mill-anġlu li jidher fil-ħolm: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù; għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt 1:20-21). Alla jagħmel sejħa speċjali lil Ġużeppi u għalhekk

jistiednu biex ma jibżax! Flimkien ma' Marija kellu jkun il-familja tat-tarbija li tnisslet bil-qawwa ta' Alla, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Kellu jkun Ġużeppi, bħala l-missier li kellu jieħu r-responsabilità li jindokra u jkabbar lit-tarbija f'kull sens, li jagħti l-isem lit-tarbija: Ġesù. Jiġifieri mhux biss kellu jlaqqam it-tarbija fil-wegħdiet messjaniċi magħmula lid-dar ta' David, imma fuq kollox, kellu jkun dak li jrabbi lit-tarbija, jipprovidilha, irawwimha fil-fidi u f'kull virtù umana, biex dan Ġesù jitħejja għall-missjoni speċifika tiegħu ta' Messija u Salvaur: "għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom". Dan kollu f'għaqda intima ma' Marija, skont il-kliem tal-anġlu f'Nazaret: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu… l-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla" (Lq 1:31-33.35).

Il-Vanġeli ma jitkellmux fuq it-tieġ ta' Ġużeppi u Marija, li żgur żżewġu wara t-tħabbiriet magħmula lilhom. L-uniku tieġ imsemmi direttament fil-Vanġeli huwa t-tieġ ta' Kana fil-Galilea: "Omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu" (Ġw 2:1-12). San Ġwann jinqeda b'dan it-tieġ biex jippreżenta l-ewwel sinjal ta' Ġesù: "Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilea kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih. Wara dan, niżel Kafarnahum, hu, ommu, ħutu u d-dixxipli tiegħu, iżda ma qagħdux hemm għal ħafna żmien".

Ġużeppi u Marija jilqgħu minn qalbhom, fi spirtu ta' ubbidjenza ta' fidi, il-missjoni għolja tagħhom: "Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej u ħa lil martu għandu" (Mt 1:24); "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!" (Lq 1:38). Qdew ir-rwol mitlub lilhom tant li huma tabilħaqq "il-ġenituri ta' Ġesù"; għalhekk Marija tistqarr: "Ara,



Missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!" (Lq 2:41.48) In-nies ta' Nazaret setgħet tabilħaqq tgħid: "Dan mhuwiex bin Ġużeppi?" (Lq 4:22); "Dan mhuwiex il-mastrudaxxa bin Marija u ħu Ġakbu u Ġożè u Ġuda u Xmun? U ħutu l-bniet mhumiex hawn magħna?" (Mk 6:3). Hu proprju f'dan id-dawl li nistgħu nifhmu l-kelma ta' Mt 2:11 marbuta mal-maġi li jsibu lit-tifel imfittex minnhom u jqimuh: "Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art iqimuh". Id-dar li jidħlu fiha hija fil-fatt id-dar ta' Ġużeppi, Ġużeppi nnifsu li huwa maħtur bħala missier it-tifel imnissel bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. L-istess nistgħu ngħidu għas-sinjal li l-anġlu jagħti lir-rgħajja f'Lq 2:12 u 16: it-tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura mogħtija bħala sinjal hija fil-fatt it-tarbija ndukrata mill-kura paterna u materna tal-ġenituri, "u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura".

Il-Vanġeli tat-Tfulija huma mżewqa bid-dettalji tal-kura tal-ġenituri ta' Ġesù: San Mattew juri lil missier, Ġużeppi, kontinwament miftuħ għar-rieda ta' Alla biex jindokra lit-tfajjel u jħarsu mill-għawġ ta' Erodi: "Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu billejl u telaq lejn l-Eġittu, u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi, biex hekk iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal, 'Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni'...'Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u erġa' lura lejn l-art ta' Israel, għax mietu dawk li kienu jfittxu l-ħajja tat-tifel.' Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu u mar fl-art ta' Israel. Imma billi sama' li fil-Lhudija kien qiegħed isaltan Arkelaws flok Erodi missieru, beża' jmur hemm. Fuq twissija li kellu fil-ħolm, telaq lejn l-inħawi tal-Galilea, u mar joqgħod f'belt jisimha Nazaret, biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeti, 'Ikun jissejjaħ Nażri.'" (Mt 2:13-23). Fuq livell uman, Ġużeppi, flimkien ma' Marija, qeda mill-aħjar id-dmir ta' missier: rabba lil Ġesù, għaddielu l-kwalitajiet umani, il-kwalitajiet tal-irġulija li kellhom jesprimu ruħhom bid-dieher fil-ħajja u fil-ministeru pubbliku ta' Ġesù. Qeda dmiru bħala l-edukatur ewlieni ta' ibnu Ġesù, skont it-tradizzjoni tal-ħajja Lhudija, tant li bħala missieru seta' jissejjaħ ukoll "il-mastrudaxxa bin Marija" (Mk 6:3). San Luqa seta' jistqarr bla tlaqliq: "U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu... U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" (2:40.52).

Ir-rwol ta' ġenituri u ta' familja magħquda fil-ftuħ lejn Alla fit-talb u fl-ubbidjenza ta' fidi lejn il-Liġi ta' Mosè jidher fil-ħajja reliġjuża u l-fidi li direttament u indirettament għaddew lil Ġesù. Fit-tmien jum jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni: "Meta wasal it-tmien jum biex lit-tifel jagħmlulu ċ-ċirkonċizjoni, semmewh Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf" (Lq 2:21). Ġużeppi u Marija riedu f'kollox jobdu l-Kelma tal-Liġi fir-rit tal-purifikazzjoni tal-omm (Lev 12:1-8), fir-rit tal-fidwa tal-ewwel wild (Eż 13:13; 34:20; Num 18:15-16) u l-preżentazzjoni tat-tarbija, rit li ma kienx obbligatorju; Marija u Ġużeppi jagħmluh u jixhdu għar-reliġjożità qawwija tagħhom: "Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skont il-Liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej, kif hemm miktub fil-Liġi tal-Mulej, li 'kull tifel li jitwieled l-ewwel, jiġi kkonsagrat lill-Mulej,' u biex joffru b'sagrifiċċju 'par gamiem jew żewġ bċieċen', kif jingħad fil-Liġi tal-Mulej... Meta temmew kull ma kellhom jagħmlu skont il-Liġi tal-Mulej reġgħu lura lejn il-Galilea fil-belt tagħhom ta' Nazaret. U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu" (Lq 2:22-40).

L-istess ħeġġa għall-Liġi tidher fid-drawwa li l-ġenituri ta' Ġesù jitilgħu b'pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm għall-festa

tal-Għid: "Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa tal-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skont id-drawwa ta' dik il-festa…" (Lq 2:41-52). Kien f'din l-okkażjoni, meta probabbilment Ġesù beda jitqies bħala Lhudi adult, imħejji għal dan il-mument ta' passaġġ f'ħajtu minn missieru Ġużeppi, li sseħħ il-ġrajja tat-telfien fit-Tempju: "Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju, bilqiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom; u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu. Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: 'Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!' U hu qalilhom: 'U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?' Iżda kliemu ma fehmuhx. Imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin".

"Imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazaret; u kien jobdihom" (Lq 2:51). Ġesù kien ġie mrawwem sewwa mill-ġenituri tiegħu, fid-dawl tal-Iskritturi Lhud li tgħallem mingħand Ġużeppi u fl-iskola tas-sinagoga: "Uliedi, isimgħu minni, jien missierkom; agħmlu kif ngħidilkom jien biex issalvaw. Għax il-Mulej għolla l-missier fuq it-tfal, u saħħaħ dritt l-omm fuq l-ulied. Min jibża' minn missieru jagħmel tajjeb għal dnubietu, u min iweġġaħ lil ommu qed jiġma' f'teżor. Min jibża' minn missieru jifraħ b'uliedu, u meta jitlob jinstema'. Min iweġġaħ 'il missieru jkollu għomor twil, u min iserraħ lil ommu jkun qed jisma' mill-Mulej. Hu jaqdi l-ġenituri daqskieku sidienu" (Sir 3:1-7). "Weġġaħ lil missierek b'qalbek kollha, u tinsiex uġigħ il-ħlas ta' ommok. Ftakar li kienu huma li ġibuk fid-dinja; biex se tħallashom għal dak li tawk?" (Sir 7:27-28).

## Il-familja l-ġdida ta' Ġesù

Ġesù jitbiegħed mir-raħal tiegħu ta' Nazaret u jmur Kafarnahum biex jintefa' kollu kemm hu fil-ministeru pubbliku tiegħu (Mk 2:1; 3:19). Xi kultant jidher li l-familja tiegħu ma kenux jaqblu miegħu u mal-imġiba tiegħu: "Imbagħad mar id-dar, u l-kotra reġgħet inġemgħet hekk li anqas biss setgħu jieklu. Qrabatu, malli semgħu, ħarġu biex iżommuh, għax qalu li kien tilef moħħu" (Mk 3:20-21). Ġesù jiskandalizza lil dawk li magħhom kien trabba u kiber: "Telaq minn hemm u mar lejn pajjiżu u d-dixxipli tiegħu marru miegħu. Meta wasal is-Sibt, daħal jgħallem fis-sinagoga, u l-ħafna li semgħuh bdew jistagħġbu u jgħidu: 'Mnejn kisbu dan kollu? U x'inhu dan l-għerf li ngħatalu biex saħansitra qegħdin isiru dawn l-għeġubijiet kbar b'idejh? Dan mhuwiex il-mastrudaxxa bin Marija u ħu Ġakbu u Ġożè u Ġuda u Xmun? U ħutu l-bniet mhumiex hawn magħna?' U huma skandalizzaw ruħhom minħabba fih. Qalilhom Ġesù: 'Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f'pajjiżu u fost qrabatu u f'daru stess'. U hemmhekk ma sata' jagħmel ebda miraklu, ħlief li qiegħed idejh fuq ftit morda u fejjaqhom; u baqa' mistagħġeb bin-nuqqas ta' fidi tagħhom. U mar idur l-irħula ta' dawk l-inħawi jgħallem." (Mk 6:1-6; ara: Mt 13:56-58; Lq 4:16-30). Ġwanni 7:5 huwa ċar: "Għax anqas ħutu ma emmnu fih".

Forsi huwa proprju għalhekk li nsibu waħda mir-raġunijiet għaliex Ġesù jitkellem mill-familja ġdida tiegħu: "Darba ġew ommu u ħutu, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu. Dak il-ħin kien hemm ħafna nies bilqiegħda madwaru. 'Ara,' qalulu, 'ommok u ħutek qegħdin hemm barra u jriduk.' U hu weġibhom: 'Min huma ommi u ħuti?' Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru bilqiegħda, u qal: 'Dawn, ara, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti,

u ommi'" (Mk 3:31-25); "… Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: 'Dawn, araw, huma ommi u ħuti. Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħti, u ommi'" (Mt 12:46-50); "Ġew għalih ommu u ħutu, iżda ma setgħux jersqu lejh minħabba l-folla. Xi ħadd qallu: 'Ommok u ħutek qegħdin hawn barra u jridu jarawk'. Iżda hu weġibhom: 'Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid hu'" (Lq 8:19-21).

Ġesù, fil-fatt, isejjaħ lid-dixxipli tiegħu li jħallu l-familji tagħhom u xogħolhom biex jimxu warajh: "U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh… u huma telqu lil missierhom Żebedew fid-dgħajsa mal-lavranti, u marru warajh" (Mk 1:18.20); "Ejja u imxi warajja" (Mk 10:21). Ġesù jitlob distakk mill-familja biex id-dixxipli jkunu marbuta miegħu u jingħataw biex ikomplu bis-sħiħ il-missjoni tiegħu. Hu f'dan id-dawl li nistgħu nifhmu l-kliem kategoriku ta' Ġesù, speċjalment fil-Vanġelu ta' Luqa: "Huma u miexja fit-triq kien hemm wieħed li qallu: 'Tmur fejn tmur, jiena niġi warajk.' U qallu Ġesù: 'Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom u l-għasafar tal-ajru l-bejtiet, iżda Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu.' Lil wieħed ieħor qallu: 'Imxi warajja.' Iżda dak wieġeb: 'Ħallini l-ewwel immur nidfen lil missieri.' Iżda hu wieġbu: 'Ħalli l-mejtin jidfnu l-mejtin tagħhom; iżda int mur u xandar is-Saltna ta' Alla.;' U l-ieħor ukoll qallu: 'Jiena niġi, Mulej, warajk, imma l-ewwel ħallini nsellem lil tad-dar.' Qallu Ġesù: 'Min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura mhuwiex tajjeb għas-Saltna ta' Alla'" (Lq 9:57-62); "Kotra kbira ta' nies kienet miexja miegħu; hu dar lejhom u qalilhom: 'Min jiġi għandi ma jistax ikun dixxiplu tiegħi jekk ma jobgħodx lil missieru u 'l ommu u lil martu u lil uliedu, ' ħutu subien u bniet, u saħansitra lilu nnifsu. Min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistax ikun dixxiplu tiegħi'" (Lq 14:25-27; ara: Mt 10: 37-38). Id-dixxipulat kellu jkun okkażjoni li jifred il-familji



fil-mument tal-prova: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad…Taħsbu intom li jien ġejt inġib il-paċi fid-dinja? Le, ngħidilkom, imma l-firda; għax mil-lum 'il quddiem ħamsa minn nies f'dar waħda jkunu mifruda bejniethom, tlieta kontra tnejn u tnejn kontra tlieta; jinfirdu l-missier kontra l-iben u l-iben kontra l-missier, l-omm kontra l-bint u l-bint kontra l-omm, omm ir-raġel kontra mart binha u mart l-iben kontra omm żewġha" (Lq 12:49-53).

Il-familja l-ġdida ta' Ġesù hija kollha kemm hi mseddqa fit-tiftix u fil-għemil tar-rieda ta' Alla; hija familja mlaqqma fl-eżempju tal-Mulej li jaqdi: "Tafu intom, dawk in-nies, li l-bnedmin jgħodduhom bħala kapijiet tal-pagani, jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom iħaddmu s-setgħa tagħhom fuqhom. Fostkom ma għandux ikun hekk, imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu joqgħod ilsir ta' kulħadd. Għax hekk ukoll Bin il-bniedem, hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mk 10:42-45).

Ġesù jwiegħed barka fuq il-familja ġdida tiegħu: "Tassew ngħidilkom, li fost dawk kollha li minħabba fija u l-Evanġelju jħallu lil darhom jew lil uliedhom jew l-għelieqi tagħhom, ma hemm ħadd fosthom li minn issa, f'din id-dinja stess, ma jirċevix għal mitt darba aktar, djar, aħwa, subien u bniet, ommijiet, ulied u għelieqi flimkien ma' persekuzzjonijiet, u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej" (Mk 10:29-30).

Ġesù jdaħħal lid-dixxipli tiegħu fil-familja tal-imħabba tat-Trinità Qaddisa, tant li fiH id-dixxipli jsiru ulied adottivi tal-Missier li jindukrahom u li lejH jistgħu jduru bħala Missier l-imħabba: "Meta titolbu, għidu, 'Missier…'" (Lq 11:2); "Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!" (Lq 11:13); "Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema; la jiżirgħu u lanqas jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, u madankollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx aktar minnhom? … Mela jekk Alla jlibbes hekk imqar ħaxixa selvaġġa li llum hawn u għada tinxteħet fil-forn, kemm aktar lilkom, nies ta' fidi ċkejkna! … Imma Missierkom li hu fis-smewwiet jaf li dan kollu teħtiġuh" (Mt 6: 25-34).

Minn dak kollu li għidna jidher ċar li r-realtà tal-familja hija magħġuna b'mod kontinwu fil-Vanġeli. Ma nistgħu qatt innaqqsu l-importanza tal-familja għal Ġesù u għal kuntest sħiħ tal-Ġdid Testment.



# SAN LUQA: L-EVANĠELISTA TAT-TALB

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

L-Evanġelju skont San Luqa huwa l-itwal fost l-erba’ Evanġelji kanoniċi. Huwa wkoll l-uniku Evanġelju segwit mit-tieni volum, magħruf aħjar bħala l-Ktieb tal-Atti tal-Appostli. Dawn iż-żewġ xogħlijiet, tradizzjonalment attribwiti lil San Luqa, huma ddedikati lil ċertu Teofilu.[1]

Minn dak li naqraw f'Atti 1:1, jidher li San Luqa xtaq li t-tieni volum tiegħu jservi bħala l-kontinwazzjoni għall-ewwel kitba tiegħu, Minħabba f'hekk, fl-istudji Bibliċi nitkellmu minn Luqa-Atti bħala żewġ volumi li jmorru flimkien, aktar milli minn l-Evanġelju waħdu. Dan ifisser li ħafna mit-temi li dan l-Evanġelista jintroduċina għalihom fin-narrativa tal-Evanġelju tiegħu jkomplu wkoll fl-Atti tal-Appostli. Waħda minn dawn it-temi hija dik tat-talb. Fil-fatt, nistgħu ngħidu, li minn fost l-erba' Evanġelisti, San Luqa huwa l-aktar wieħed li jitkellem fuq it-tema tat-talb.[2]

## Il-Ftuħ u l-għeluq tal-Evanġelju

Matul in-narrativa tal-Evanġelju, San Luqa spiss jippreżentalna mhux biss lil Ġesù jitlob, imma wkoll jgħallem lid-dixxipli kif għandhom jitolbu. Bosta personaġġi oħra f'Luqa-Atti jiġu ppreżentati f'waqtiet ta' talb. Fil-fatt, dan l-Evanġelju jiftaħ b'xena li sseħħ fit-Tempju ta' Ġerusalemm f'ambjent ta' talb, permezz tat-tħabbira tal-anġlu lil Żakkarija li "kien qed jaqdi dmiru ta' qassis quddiem Alla" (Lq 1:8), waqt li "il-kotra kollha tal-poplu kienet qiegħda titlob barra" (v.10).

Hekk ukoll San Luqa jagħlaq l-Evanġelju b'nota oħra ta' talb li sseħħ fl-istess post li fih jiftaħ dan l-istess Evanġelju. Hekk naqraw, li wara t-tlugħ ta' Ġesù fis-sema, id-dixxipli "reġgħu lura lejn Ġerusalemm, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla" (24:52-53). It-tema tat-talb, mela, isservi bħal donnha xi arkata kbira li tgħaqqad flimkien in-narrativa ta' dan l-Evanġelju mill-bidu sal-aħħar. Din l-arkata, tiġi estiża għan-narrativa tal-Atti tal-Appostli fejn it-talb ukoll jieħu prominenza kbira fil-ħajja tal-Knisja tal-Bidu kif jiddeskriviha San Luqa f'din it-tieni kitba tiegħu.

## L-ewwel u l-aħħar kliem ta' Ġesù

It-talb kien parti mill-ħajja Lhudija li fiha twieled u għex Ġesù ta' Nazaret. Il-Lhud ta' żmienu kienu mkabbrin bil-bini tat-Tempju tagħhom f'Ġerusalemm fejn ta' kuljum kienu jsiru offerti, sagrifiċċji u talb. Ta' kull sena, ħafna Lhud fi żmien Ġesù, kienu jitilgħu Ġerusalemm permezz ta' pellegrinaġġ, ikantaw Salmi u Innijiet biex hemmhekk,



b'mod speċjali fit-Tempju, setgħu jiċċelebraw il-festi l-kbar tagħhom.[3] Minbarra t-Tempju, il-Lhud kellhom ukoll bosta sinagogi mxerrdin fl-ibliet u l-irħula fejn hemmhekk kienu jiltaqgħu nhar ta' Sibt biex jitolbu u jaqraw mill-Kotba Mqaddsa.[4]

Lil Ġesù bħala Lhudi, insibuh bosta drabi kemm fit-Tempju ta' Ġerusalemm, kif ukoll fis-Sinagogi. F'Lq 2:22-40, naqraw kif Marija u żewġha Ġużeppi ħadu lit-tarbija Ġesù fit-Tempju biex jippreżentawh lill-Mulej skont il-Liġi. Meta Ġesù kellu tnax-il sena, San Luqa jinfurmana li l-familja ta' Nazaret telgħet Ġerusalemm għall-festa tal-Għid, bħalma kienu jagħmlu "ta' kull sena" (2:41). Huwa f'dan l-istess Tempju, li t-tfajjel Ġesù, kif inhu muri lilna minn San Luqa, ilissen l-ewwel kelmiet tiegħu li huma indirizzati lil ommu Marija u lil Ġużeppi: "Għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" (2:49).

Ma jidhirx li San Luqa b'kumbinazzjoni inkluda r-referenza għall-'Missier' kemm bħala parti mill-ewwel kelmiet ta' Ġesù, kif ukoll bħala parti mill-aħħar kelmiet tiegħu, meta minn fuq is-salib, jgħid din it-talba: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi" (23:46). L-ewwel kliem u l-aħħar kliem ta' Ġesù, mela, fl-Evanġelju skont San Luqa,



jgħinuna nifhmu li dak kollu li dan l-Evanġelista għandu x'jgħidilna fuq il-ħajja tat-talb ta' Ġesù rridu nippruvaw nifhmuh fid-dawl tar-relazzjoni li Ġesù, bħala l-Iben ta' Alla, kellu mal-Missier tas-Sema.

## Fejn kien jitlob Ġesù

Lil Ġesù ma nsibuhx biss fit-Tempju ta' Ġerusalemm. San Luqa, bħall-Evanġelisti l-oħra, jinfurmana wkoll bil-preżenza ta' Ġesù fis-sinagogi tal-Lhud. San Luqa fil-fatt jagħti importanza lil episodju partikulari li fih insibu lil Ġesù fis-sinagoga ta' Nazaret. Dan l-episodju San Luqa jqiegħdu kmieni ħafna fil-ħajja pubblika ta' Ġesù għaliex dan l-istess episodju jservi bħala programm għall-ħajja pubblika ta' Ġesù, ħajja mmarkata mill-ħelsien u t-tama li huwa bħala l-Messija kellu jagħti skont ma kien diġà mħabbar fil-Kotba Mqaddsa li minnhom Ġesù nnifsu jaqra waqt li kien f'din is-sinagoga. Dak li rridu ninnutaw huwa l-fatt li fil-bidu ta' dan l-episodju, l-Evanġelista San Luqa jinfurmana li kienet id-drawwa ta' Ġesù li nhar ta' Sibt kien imur is-Sinagoga. Hekk naqraw f'4:16: "Ġie f'Nazaret fejn kien trabba. Daħal fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt."

Minkejja li l-Evanġelisti jinfurmawna bil-preżenza ta' Ġesù fit-Tempju u f'bosta Sinagogi, qatt ma naqraw b'mod espliċitu li Ġesù xi darba talab fit-Tempju jew fis-Sinagogi. Minflok, f'dawn il-postijiet Ġesù kien pjuttost jgħallem jew ifejjaq. Minflok fit-Tempju jew fis-Sinagogi, it-talb ta' Ġesù kien isir f'postijiet oħra, bħal ngħidu aħna, f'postijiet imwarrba jew f'deżert (ara 4:42); fuq xi għolja (ara 6:12), fuq xi muntanja (ara 9:2), jew fil-Ġnien taż-Żebbuġ (ara 22:39-46), biex

insemmu xi wħud minn dawn il-postijiet. F'ħafna minn dawn l-okkażjonijiet, lil Ġesù nsibuh jitlob waħdu jew mad-dixxipli tiegħu biss, xi drabi fil-ħemda tal-lejl.

## Ġesù, l-Iben li jitlob

San Luqa, aktar mill-Evanġelisti l-oħra, ħallielna dettalji fuq l-okkażjonijiet li fihom insibu lil Ġesù jitlob, għalkemm hawnhekk ħafna drabi, huwa jħalli barra l-kontenut tat-talb ta' Ġesù. L-ewwel okkażjoni li fiha nsibu lil Ġesù jitlob hija waqt li huwa kien qed jitgħammed. Hekk naqraw: "Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu, Ġesù tgħammed ukoll, u waqt li kien qiegħed jitlob, is-smewwiet infetħu" (3:21). Dan il-waqt ta' talb f'din l-okkażjoni partikulari jservi bħala waqt ta' rivelazzjoni fejn il-leħen mis-sema jiddikjara: "Inti Ibni l-għażiż: fik sibt l-għaxqa tiegħi" (v.22).

Ir-referenza għat-talb waqt il-magħmudija ta' Ġesù tidher li hija żjieda tal-Evanġelista San Luqa biex sa mill-bidu nett tal-ħajja pubblika ta' Ġesù jurina li t-talb kien element importanti fil-ħajja ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla. Minħabba f'hekk, tidher kważi bħala sorpriża, li dan l-Evanġelista jħalli barra referenza għat-talb li sab f'San Mark.[5] Wara li jirrakkonta kif Ġesù jfejjaq lil omm il-mara ta' Xmun, San Mark jgħidilna li "l-għada filgħodu kmieni, qabel ma żernaq, qam, ħareġ mar f'post imwarrab u qagħad hemm jitlob" (Mk 1:35). F'dan l-istess episodju, kif insibuh f'San Luqa, iżda, naqraw biss li "meta sebaħ, ħareġ u mar f'post imwarrab" (Lq 4:42).

San Luqa, iżda, jidher li ħalla barra din in-nota li sab f'San Mark għal okkażjoni aħjar, jiġifieri, sabiex jinkludiha bħala parti minn waħda mill-ewwel ġabriet fil-qosor ta' ħidmiet Ġesù. Hekk naqraw f'Lq 5:15-16: "Il-fama tiegħu bdiet aktar tinxtered, u folol kbar ta' nies kienu jmorru biex jisimgħuh u jfejjaqhom mill-mard tagħhom. Iżda hu kien ifittex xi mkien imwarrab u jinġabar fit-talb."

Dan iġibna għal waqt ieħor importanti fil-ħajja pubblika ta' Ġesù mmarkat mit-talb. Qed nirreferi għall-episodju meta Ġesù għażel lit-Tnax: "Mela darba fost l-oħrajn ħareġ lejn l-għoljiet biex jitlob, u għadda l-lejl fit-talb lil Alla. Meta sebaħ, sejjaħ lejh id-dixxipli tiegħu u minnhom għażel tnax, li semmihom appostli" (6:12-13). Minn issa 'l quddiem, lil Ġesù se nsibuh jitlob dejjem fil-preżenza tal-Appostli. Hekk naqraw, per eżempju, fir-referenza li jmiss għat-talb ta' Ġesù: "Darba, waqt li kien qiegħed jitlob waħdu, kien hemm miegħu d-dixxipli tiegħu, u hu staqsihom: 'Min jgħidu n-nies li jien?" (Lq 9:18).

Waqt ieħor importanti fil-ħajja ta' Ġesù li fih insibuh jitlob, huwa dak tat-Trasfigurazzjoni. "Daqs tmint ijiem wara dan id-



diskors, Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u 'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex" (Lq 9:28-29).

Interessanti li immedjatament wara t-Trasfigurazzjoni, insibu episodju li jirrakkonta l-miraklu ta' fejqan ta' tifel maħkum mix-xitan (Lq 9:37-43). F'dan l-episodju, San Luqa jħalli barra l-kliem ta' Ġesù li nsibuh fl-edizzjoni ta' San Mark meta jirrakkonta l-istess miraklu: "Spirtu bħal dak ma jista' jitkeċċa b'xejn ħlief bit-talb" (Mk 9:29). Jista' jagħti l-każ, li San Luqa qabeż din in-nota sabiex imbagħad ikun jista' joħroġ il-qawwa ta' din ir-referenza għat-talb aktar tard fl-episodju tal-agunija ta' Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ, fejn Ġesù darbtejn iwissi lid-dixxipli biex jitolbu ħalli ma jidħlux fit-tiġrib: l-ewwel f'Lq 22:40: "Kif wasal hemmhekk qalilhom: 'Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib'"; it-tieni, fil-v.46: "'Kif!' qalilhom: 'Irqadtu? Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib."

Hemm episodju ieħor li fih lil Ġesù nsibuh jitlob. Dan hu l-episodju meta "ġabulu wkoll quddiemu t-trabi biex iberikhom" (18:15). Jidher li f'dan l-episodju, San Luqa mill-ġdid kien qed jieħu minn dak li sab fl-Evanġelju skont San Mark. Minkejja dan, iżda, hawn irridu ninnutaw kif San Luqa jħalli barra r-referenza li hemm f'San Mark li tgħid hekk: "imbagħad ħaddanhom miegħu u qiegħed idejh fuqhom u berikhom" (Mk 10:16). San Mattew ukoll iżid nota oħra espliċita għat-talb f'dan l-istess episodju meta naqraw hekk: "ressqulu quddiemu xi tfal żgħar biex iqiegħed idejh fuqhom u jitlob għalihom" (Mt 19:13). Fl-Evanġelju skont San Luqa, huwa biss Kristu Rxoxt li jbierek il-persuni kif naqraw f'Lq 24:50: "Imbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja u rafa' jdejh u berikhom."[6]

Ma' dawn l-okkażjonijiet tat-talb ta' Ġesù, irridu nżidu l-episodju ta' meta Ġesù mtela bil-ferħ wara li d-dixxipli ġew lura mill-missjoni li għaliha kien bagħathom hu stess (ara 10:17-20); meta Ġesù għallem lid-dixxipli jitolbu (ara 11:1); fl-aħħar ċena, meta Ġesù talab għal Pietru (ara 22:32); it-talba waqt l-agunija ta' Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ (ara 22:42); u t-talb ta' Ġesù fuq is-salib (ara 23:44.46). Fuq dan nitkellmu fil-ħarġa li jmiss.

Dak li rridu ninnutaw għalissa huwa l-fatt li Ġesù talab fl-aktar waqtiet kruċjali tal-ħajja tiegħu. Dan jurina, kif fit-talb Ġesù seta' jifhem x'kellha tkun il-missjoni tiegħu u x'kellhom ikunu l-għażliet tiegħu bħala l-Iben il-maħbub tal-Missier.

## Referenzi


1. Ara Lq 1:3; Atti 1:1.

2. Għal studji aktar kompressivi fuq it-tema tat-talb f'Luqa-Atti, ara, P.T. O'Brien, *Prayer in Luke-Acts*, in *Tyndale Bulletin* 24 (1973) 111-127; S.F. Plymale, *The Prayer Texts of Luke-Acts*, New York 1991; D.M. Crump, *Jesus the Intercessor: Prayer and Christology in Luke-Acts*, Tübingen 1992.

3. Fuq il-festi tal-Lhud marbuta mal-belt ta' Ġerusalemm u t-Tempju, ara, J.A. Soggin, *Israel in the Biblical Period, Institutions, Festivals, Ceremonies, Rituals*, Edinburgh 2001.

4. Għal aktar tagħrif fuq is-Sinagogi tal-Lhud, ara, B.Chilton, P.W. Comfort, M.O. Wise, *Synagogues*, in *Dictionary of the New Testament Background*, edited by C.A. Evans – S.E. Porter, Downers Grove/IL - Leister 2000, 1145-1153.

5. Fil-bidu tal-Evanġelju, San Luqa jurina li hu ma kienx l-ewwel wieħed li kien qed jikteb rakkont fuq il-ħajja ta' Ġesù. Qablu kien hemm oħrajn (ara Lq 1:1-4). Ħafna studjużi, fil-fatt, iżommu li wieħed mill-għejjun li San Luqa kien qed juża kien l-Evanġelju skont San Mark. Fuq dan l-argument, ara, P. Perkins, *Introduction to the Synoptic Gospels*, Grand Rapids/MI – Cambridge 2007.

6. Fl-episodju tal-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, naqraw li Ġesù "ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, berikhom u qasamhom" (Lq 9:16).



# MONASTERI FID-DEŻERT TAL-LHUDIJA: IL-MONASTERU TA' WADI QELT

*Noel Muscat ofm*

It-triq li twassal minn Ġerusalemm għal Ġeriko tkopri distanza ta' xi 24 km. Wara li tgħaddi mill-mina taħt il-Muntanja Scopus (826m) it-triq tibda nieżla lejn id-Deżert tal-Lhudija minn taħt l-insedjament Lhudi ta' Ma'aleh Adumim, lejn il-belt ta' Ġeriko (244m taħt il-livell tal-baħar) u lejn il-Baħar il-Mejjet (423m taħt il-livell tal-baħar). It-triq ġiet reċentement

imwessgħa u issa hi arterja importanti ta' traffiku bejn Ġerusalemm u l-Wied tal-Ġordan. Taqsam reġjun interessanti mimli siti ta' interess storiku u arkeoloġiku. Il-pellegrin jistagħġeb bil-panorama tad-Deżert tal-Lhudija, bl-għoljiet għerja, widien u sinjali ta' veġetazzjoni fejn l-ilma hu abbundanti, u bil-preżenza ta' xi tribujiet Bedwini li għadhom jgħixu fit-tined tagħhom mal-ġenb tat-triq.

Id-Deżert tal-Lhudija hu famuż għall-fdalijiet ta' ħafna monasteri Biżantini. Xi wħud minn dawn il-monasteri reġgħu nbnew u llum jgħixu fihom monaċi Griegi Ortodossi. Il-monasteri tad-deżert huma ta' żewġ tipi. Il-*Laura* hi ġabra ta' ċelel individwali mħaffrin fl-għerien tal-irdumijiet tad-deżert, bi knisja ċentrali u monasteru li fih l-eremiti jiltaqgħu għat-talb fil-jum tal-Ħadd, filwaqt li jqattgħu l-kumplament tal-ġimgħa fis-solitudni taċ-ċella. Iċ-*Cenobium* jixbah aktar monasteru fis-sens klassiku tal-kelma, jiġifieri binja kbira u fortifikata bi knisja ċentrali, fejn jgħixu l-monaċi jew rħieb.

Fl-insedjament ta' Ma'aleh Adumim hemm il-fdalijiet tal-Monasteru ta' San Martyrius, imwaqqaf fis-seklu 5 minn Martyrius, Patrijarka ta' Ġerusalemm (478-486), li għex hemmhekk għal xi żmien f'għar bħala eremit.

Fdalijiet oħrajn huma dawk tal-Monasteru ta' San Euthymius, li jinsab f'Mishor Adumim, xi 2km bogħod mit-triq prinċipali ta' Ġerusalemm-Ġeriko. Il-Laura ta' San Euthymius ġiet imwaqqfa minn Euthymius il-Kbir fis-sena 428. Wara li miet fis-sena 482 dan il-post sar monasteru ffortifikat. Euthymius kien twieled fit-Turkija. Fis-sena 406 hu ġie fl-Art Imqaddsa u mar joqgħod fil-Laura ta' Wadi Fara, li kien waqqafha San Karitone. Dan ukoll għex għal xi żmien bħala eremita f'Wadi Og qabel ma waqqaf il-monasteru li jġib ismu f'Wadi Khuraitun, lejn il-lbiċ ta' Tekoa.

It-triq imbagħad titla' lejn għolja kollha blat ħamrani li


*Il-Monasteru ta' Wadi Qelt*


*Il-Kampnar tal-Monasteru*

tagħti l-isem Lhudi Adumim (li jfisser "lewn id-demm") lil din iż-żona. Fuq il-quċċata tal-għolja hemm il-Khan tas-Samaritan it-Tajjeb, li l-Għarab lokali jsejħulu Khan el Hatruri. Dan il-post kien jimmarka waqfa għall-pellegrini Insara sa minn żmien il-Biżantini. It-tradizzjoni identifikat dan il-post bħala l-lukanda tal-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb li jsemmi Ġesù f'Luqa 10,25-37. Fil-fatt, it-triq antika Rumana li kienet twassal minn Ġerusalemm għal Ġeriko ma kinitx tikkorrispondi għat-traġitt tat-triq moderna, imma kienet issegwi l-Wadi Qelt (Qelt). Minkejja dan it-tradizzjoni dejjem żammet dan il-post bħala dak li jirreferi għalih il-Vanġelu. Hawnhekk kienet inbniet ġiebja, khan (lukanda fis-sens orjentali) u fortizza biex tipproteġi l-pellegrini li kienu jgħaddu mit-triq. Il-Kruċjati kienu ġeddew din il-binja u għamluha fortizza li għadha tidher fuq ix-xellug tat-triq attwali, fil-fdalijiet li l-Għarab lokali jsejħulhom Qalaat ed Dumm, jiġifieri l-Kastell tad-Demm. Il-kastell kien jiddefendi t-triq lejn Ġerusalemm. Il-binja attwali li tfakkar is-silta evanġelika inbniet matul il-perjodu Ottoman bħala post ta' għassa. Baqa' abbandunat sakemm f'Ġunju 2009 l-*Israeli Antiquities Authority* irrinovatu u hawnhekk fetħet mużew ta' mużajċi Biżantini li nstabu f'sinagogi u knejjes fil-Lhudija u Samarija, f'żoni li llum huma parti mix-Xatt tal-Punent u Gaża.

## Ein Mabu'a jew Ain al-Fawwar

It-triq tkompli lejn l-insedjament Lhudi ta' Mitzpeh Yeriho. F'dan il-post hemm trejqa li toħroġ mit-triq prinċipali u tidħol isserrep fid-deżert lejn Wadi Qelt, li hu *wadi* (wied tad-deżert) importanti għax minnu kienet tgħaddi t-triq antika Rumana li fi żmien Ġesù kienet ittellgħek minn Ġeriko għal Ġerusalemm. Il-Wadi Qelt hu l-kontinwazzjoni ta' Nahal Prat, il-wied li jibda mit-tramuntana ta' Ġerusalemm, taħt l-insedjament ta' Anatot, fejn hemm il-Laura ta' San Karitone fil-Wadi Farah. Dan il-wied hu wieħed mill-aktar widien tad-deżert pittoreski fl-Art Imqaddsa, u huma bosta dawk il-viżitaturi li jimxuh. Minn Wadi Farah il-wied jieħdok f'għajn ta' ilma ġieri jisimha Ein Mabu'a jew inkella Ain al-Fawwar. Din hi nixxiegħa naturali li toħroġ mill-għoljiet tal-Lhudija u tinżel f'għar li minnu toħroġ fil-wied biex timla ħawt tond. Dan il-proċess jirrepeti ruħu kull 20 minuta u l-ilma

hu dejjem ġieri u frisk. Minn dan il-post l-ilma jkompli nieżel f'nixxiegħa żgħira fil-qiegħ tal-wied, magħrufa bħala Nahal Prat u jmur lejn Wadi Qelt lejn il-lvant. Dan il-wied hu għalhekk dejjem ħadrani u mimli veġetazzjoni u siġar, f'nofs għoljiet aridi fid-Deżert tal-Lhudija. Hu partikolarment pittoresk fiż-żona tal-Monasteru ta' Khoziba. Fil-mixja lejn dan il-monasteru wieħed jiltaqa' ma' fdalijiet ta' akwedott Ruman ta' żmien Erodi. Fil-fatt dan l-akwedott, li kien iġib l-ilma lejn Ġerusalemm, kien inbena mill-Asmonej fis-sena 180 q.K., imma Erodi reġa' bnieh b'diversi mini u pontijiet. Kien ukoll fil-Wadi Qelt li kienet titla' t-triq li minn Ġeriko tieħu lejn Ġerusalemm. Kienet it-triq li abitwalment kien iterraq Ġesù meta kien jitla' l-Lhudija.

## Il-Monasteru ta' San Ġorġ ta' Khoziba f'Wadi Qelt

Din it-trejqa fid-deżert isserrep lejn monasteru ieħor tad-deżert, il-Monasteru ta' San Ġorġ ta' Khoziba, magħruf mill-Għarab bħala Dejr Mar Jiryas. Il-monasteru Grieg Ortodoss inbena fi tmiem is-seklu 5 mill-eremita Ġwann ta' Tebe li ġie mill-Eġittu lejn l-Art Imqaddsa fis-sena 480. Fil-fatt diġà fis-sena 420 kien hemm monaċi jgħixu fil-Wadi Qelt, fosthom Prono, Elija, Gannaios, Ainan u Zenon. Kienu huma li bnew l-ewwel kappella li mbagħad saret il-knisja tal-monasteru li waqqaf Ġwann minn Tebe.

Il-monasteru ġie ddedikat lill-eremita qaddis magħruf bħala Ġorġ ta' Khoziba, li kien għex f'dan il-post, fejn għad hemm meqjuma ir-relikwi tiegħu. San Ġorġ Khoziba, kien ġie minn Ċipru fis-sena 550. Il-Persjani qerdu l-monasteru fis-sena 614 u mmassakraw madwar 40 monaku. Wara din il-qerda l-monasteru ġie abbandunat. Reġa' nbena mill-Kruċjati. Hemm iskrizzjoni bil-Grieg u l-Għarbi fuq id-daħla li titkellem mir-restrawr tal-monasteru fl-1179. Fl-1483 il-pellegrin Felix Fabri kiteb li f'dan il-post sab biss xi ftit fdalijiet. Wara l-era Kruċjata l-monasteru safa abbandunat sal-1878 meta l-Patrijarkat Grieg Ortodoss irrestawrah. Kien f'dik is-sena li mar joqgħod fil-fdalijiet ir-raħeb Grieg Kalinik, u beda jirrestawrah. Ix-xogħol intemm fl-1901. L-eqdem parti tal-monasteru fiha paviment tal-mużajċi li jmur lura għas-seklu 6.

Antikament il-Monasteru ta' Wadi Qelt kien iddedikat lill-Verġni Marija, imma wara li reġa' nbena ġie msemmi għal San Ġorġ Khoziba. Fid-daħla tal-monasteru huma mħarsin ir-relikwi tal-monaċi li kienu qatlu l-Persjani, filwaqt li fil-knisja tal-monasteru jinsabu r-relikwi ta' San Ġorġ Khoziba u ta' Ġwann Ġakobb ta' Neamt (magħruf bħala ir-Rumen jew il-Khoziba jew Hazeva), raħeb magħruf għal qdusitu li għex fil-monasteru u miet fil-5 ta' Awwissu 1960.

Il-monasteru jfakkar l-episodju bibliku tal-profeta Elija li hawnhekk ġew iċ-ċawl jitimgħuh bil-ħobż u l-laħam fid-deżert (1Slat 17,5-6). Hemm għar-kappella li hu ddedikat lil Sant'Elija t-Tisbita. Il-post ifakkar ukoll ir-rakkont Apokrifu tal-Protovanġelu ta' Ġakbu li jsemmi kif Ġwakkin irtira fid-deżert mal-imrieħel tiegħu, u hawnhekk irċieva l-aħbar ta' ferħ li jirritorna Ġerusalemm għaliex martu Anna kellha tnissel u twelled il-Verġni Marija:

"Fl-istorja tat-tnax-il tribù ta' Israel, Ġwakkin kien raġel għani. Hu dejjem kien iġib offerta doppja lill-Mulej … Meta wasal il-jum il-kbir tal-Mulej u ulied Israel kienu qed iġibu l-offerti tagħhom, Reubel mar quddiemu u qallu: 'Int ma tistax toffri r-rigali tiegħek għax int ma nissiltx iben f'Israel.' Ġwakkin tnikket u mar ifittex fl-istorja tat-tnax-il tribujiet ta' ġensu … U ftakar fil-patrijarka Abraham li l-Mulej Alla kien tah lil ibnu Iżakk fi tmiem ħajtu. Ġwakkin fin-niket tiegħu ma marx lura għand martu, imma mar jinħeba fid-deżert u waqqaf hemm l-għarix tiegħu. Hu sam erbgħin jum


*Ċella ta' eremita f'għar tal-Wadi Qelt*

u erbgħin lejl. Sadanittant Ġwakkin kien jgħid: 'Jiena minix se niekol jew nixrob sakemm il-Mulej Alla tiegħi ma jżurnix; it-talb se jkun l-ikel u x-xorb tiegħi.' Martu Anna wkoll tnikktet u bkiet għal bosta ġranet filwaqt li qalet: 'Jiena mnikkta għax sirt armla u ma għandix ulied.' … Żewġ anġli ġew għand Anna u qalulha: 'Ara, żewġek Ġwakkin ġej bl-imrieħel tiegħu.' Għax anġlu tal-Mulej kien deher lil Ġwakkin u qallu: 'Ġwakkin, Ġwakkin, il-Mulej Alla sema' t-talba tiegħek. Mur lura minn hawn. Ara, martek Anna nisslet fil-ġuf.' … Imbagħad Ġwakkin wasal bl-imrieħel tiegħu. Anna kienet qed tistenna fil-bieb. Malli rat lil Ġwakkin ġej bl-imrieħel, Anna ġriet u ddendlet ma' għonqu u qaltlu: 'Issa naf li l-Mulej Alla berikni. Ara, l-armla ma għadhiex iżjed armla u l-mara bla wlied nisslet fil-ġuf.' … Meta wasal iż-żmien biex teħles, wara disa' xhur, Anna wildet u qalet lill-qabla: 'X'wild hu?' Il-qabla qaltilha: 'Tifla.' Anna qalet: 'Ruħi tifraħ f'dan il-jum.' U middet lit-tarbija. Wara li l-jiem tat-tisfija tagħha għaddew Anna reddgħet lit-tarbija u semmietha Marija" (*Protovanġelu ta' Ġakbu*, kap. 1-5).

It-triq mill-monasteru tkompli ssegwi l-wied sa Ġeriko, imma llum ma għadhiex użata mill-pellegrini, l-ewwel nett għaliex hi perikoluża ħafna għall-mezzi tat-trasport, bi dwawar tal-biża' fuq id-dagħbien tar-rdum li jagħti għall-wied, u t-tieni għaliex hi imblukkata għax Ġeriko hi maqtugħa għaliha bħala territorju awtonomu Palestinjan u wieħed jista' jidħol Ġeriko biss mit-triq prinċipali.

Il-Wadi Qelt jisbokka fid-daħla ta' Ġeriko u jgħaddi taħt il-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Ġeriko ta' żmien Erodi, jiġifieri ta' Ġeriko li minnha kien jgħaddi Ġesù, biex imbagħad ikompli maġenb Ġeriko tal-lum li tinsab ftit bogħod lejn id-direzzjoni tal-wied tax-xmara Ġordan. Ġeriko hi magħrufa għal monasteru ieħor importanti tad-Deżert tal-Lhudija, jiġifieri l-Monasteru tal-Kwarantena, jew Dejr Qarantal, li jfakkar it-tentazzjonijiet ta' Ġesù fid-deżert.

**Ġedded l-Abbonament tiegħek**

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2015




## ABBONAMENT:
## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

**Toħroġ kull 3 xhur**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali

______________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2015

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2015

## Art Imqaddsa
15 - 23 Lulju
09 - 17 Settembru

## Art Imqaddsa *Extra*
04 - 14 Novembru

## Polonja
04 - 08 Lulju

## Assisi
31 Awwissu - 6 Settembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt